I

*(Tagħrif)*

# IL-QORTI TA' L-AWDITURI

## RAPPORT SPEĊJALI Nru 2/2005

**rigward għajnuna mill-baġit ta' l-EDF lill-pajjiżi ACP: il-ġestjoni mill-Kummissjoni tal-qasam ta' riforma tal-finanzi pubbliċi flimkien mar-risposti tal-Kummissjoni**

*(preżentat skond l-Artikolu 248(4), it-tieni sottoparagrafu, tat-Trattat tal-KE)*

(2005/C 249/01)

**WERREJ**


| | Paragrafu | Paġna |
|---|---|---|
| ABBREVJAZZJONIJIET U TERMINOLOĠIJA | | 3 |
| SOMMARJU | I-V | 4 |
| Deskrizzjoni tal-mekkaniżmu | I-II | 4 |
| Il-verifika tal-Qorti | III | 4 |
| Riżultati tal-verifika | IV-V | 4 |
| INTRODUZZJONI | 1-2 | 5 |
| QASAM TAL-VERIFIKA: GĦAJNUNA DIRETTA MILL-BAĠIT MHUX ALLOKATA | 3-18 | 5 |
| Definizzjoni | 3-5 | 5 |
| Titjib tal-ġestjoni ta' finanzi pubbliċi: wieħed mill-miri ta' l-għajnuna mill-baġit | 6-8 | 5 |
| Vantaġġi: pussess u sempliċità akbar | 9-11 | 5 |
| Żvantaġġ: riskju marbut man-nuqqasijijiet tas-sistemi tal-finanzi pubbliċi nazzjonali | 12-14 | 6 |
| Implimentazzjoni: l-għajnuna hija kondizzjonali | 15 | 6 |
| Dispożizzjonijiet regolatorji | 16-18 | 7 |
| IL-VERIFIKA TAL-QORTI | 19-22 | 7 |
| Mira tal-verifika | 19-20 | 7 |
| Approċċ tal-verifika | 21-22 | 7 |
| SEJBIET TAL-VERIFIKA | 23-74 | 8 |
| Valutazzjoni tas-sitwazzjoni tal-ġestjoni ta' finanzi pubbliċi inizjali | 23-40 | 8 |
| Definizzjoni tal-qafas metodoloġiku | 23-30 | 8 |
| Il-qafas metodoloġiku irid jiġi estiż | 23-27 | 8 |
| Interpretazzjoni dinamika tal-kundizzjonijiet ta' eliġibilità | 28-29 | 9 |
| Koerenza tal-programmi trid tkun spjegata aħjar | 30 | 9 |

| | Paragrafu | Paġna |
|---|---|---|
| Implimentazzjoni tal-qafas metodoloġiku | 31-37 | 9 |
| Valutazzjonijiet inizjali ġeneralment komprensivi u ffokati fuq il-programm ta' riforma nazzjonali | 31-33 | 9 |
| Il-ġlieda kontra l-korruzzjoni: qasam li jrid jiġi żviluppat | 34 | 10 |
| Sostenn istituzzjonali kordinat iżda mhux dejjem jieħdu sehem f'qafas globali | 35-36 | 10 |
| L-ebda rakkomandazzjoni mill-Kapijiet tad-Delegazzjoni | 37 | 11 |
| L-informazzjoni tirrifletti s-sitwazzjoni reali | 38 | 11 |
| Id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni mhux argumentati biżżejjed | 39-40 | 11 |
| Monitoraġġ tal-progress tar-riformi | 41-74 | 12 |
| Qafas metodoloġiku taħt żvilupp | 41-46 | 12 |
| Rapporti ta' monitoraġġ tad-Delegazzjonijet jistgħu jittejjbu | 42-44 | 12 |
| Markaturi ta' eżekuzzjoni qed jiġu mtejjba | 45-46 | 13 |
| Implimentazzjoni tal-qafas metodoloġiku | 47-68 | 13 |
| Rapporti ta' monitoraġġ tad-Delegazzjonijet mhux kompluti | 47 | 13 |
| Markaturi ta' eżekuzzjoni joffru inċentiv wisq żgħir | 48-51 | 14 |
| Progress mhux indaqs f'pajjiżi differenti rigward kordinazzjoni ma' kontribwenti oħra | 52-55 | 14 |
| Relazzjonijiet ma' parlamenti u Istituzzjonijiet Supremi ta' Verifika għandhom jiġu msaħħa | 56-62 | 15 |
| Nuqqas ta' riżorsi umani fil-Kummissjoni | 63-68 | 16 |
| Sitwazzjoni fuq il-post: progress fuq riformi iżda l-ġestjoni mill-pajjiżi benefiċjarji għadha bagħtuta | 69-71 | 16 |
| Ir-reazzjonijiet tal-Kummissjoni huma xierqa | 72-74 | 17 |
| KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET | 75-89 | 18 |
| Konklużjonijiet | 75-83 | 18 |
| Rakkomandazzjonijiet | 84-89 | 18 |
| *ANNESS 1* — Sitt tabelli li juru l-importanza ta' l-għajnuna mill-baġit | | 20 |
| *ANNESS 2* — L-abbozz tal-Qafas ta' Tiqjis ta' Eżekuzzjoni ta' Ġestjoni ta' finanzi pubbliċi | | 24 |
| *ANNESS 3* — Il-markaturi ta' eżekuzzjoni użati mill-Kummissjoni | | 28 |
| *ANNESS 4* — Mozambijk: eżempju ta' prattika tajba fil-kordinazzjoni bejn il-kontribwenti | | 30 |
| **Ir-riposti tal-Kummissjoni** | | 31 |

## ABBREVJAZZJONIJIET U TERMINOLOĠIJA

| | | |
|---|---|---|
| ACP | — | Pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku firmatarji tal-Ftehim ta' Cotonou |
| ADB | — | Bank ta' l-Iżvilupp Afrikan |
| AFD | — | Aġenzija ta' l-Iżvilupp Franċiża |
| BWIs | — | Istituzzjonijiet *Bretton Woods* (WB u IMF) |
| CFAA | — | *Country Financial Accountability Assessment* (Valutazzjoni tar-Responsabbiltà Finanzjarja tal-Pajjiż) |
| CPAR | — | *Country Procurement Analytical Review* (Reviżjoni Analitika ta' Xogħol bl-Appalt tal-Pajjiż) |
| DFID | — | *UK-Department for International Development* (Dipartiment tar-RU għall-Iżvilupp Internazzjonali) |
| DSRP | — | Dokument ta' Strateġija għal Tnaqqis ta' Povertà |
| EDF | — | Fond ta' Żvilupp Ewropew |
| EMCP | — | *Expenditure Management and Control Programme* (Programm ta' Ġestjoni u Kontroll ta' Nefqa) |
| FRA | — | *Fiduciary Risk Assessment* (Valutazzjoni ta' Riskju Fiduċjarju) |
| GBOFT | — | Operazzjonijiet tal-Gvern dwar Baġit u Tabella Finanzjarja |
| HIPC | — | *Highly Indepted Poor Country* (Pajjiż Fqir Imdejjen Ħafna) |
| HOAP | — | Armonizzazzjoni Tal-Prattika ta' Verifika Barranija |
| IFAC | — | Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti |
| IMF | — | Fond Monetarju Internazzjonali |
| ISA | — | Standards Internazzjonali dwar il-Verifika |
| MoU | — | Memorandum ta' Ftehim |
| NIP | — | Programm Nazzjonali Indikattiv |
| OECD | — | Organizzazzjoni tal-Koperazzjoni Ekonomika u l-Iżvilupp |
| PAF | — | *Performance Assessment Framework* (Qafas ta' Valutazzjoni ta' Eżekuzzjoni) |
| PARPA | — | *Plano de Acção para a Reducção da Pobreza Absoluta* (pjan ta' azzjoni sabiex titnaqqas il-povertà assoluta) |
| PEFA | — | Responsabbiltà Finanzjarja ta' Nefqa Pubblika |
| PEMFA | — | *Public Expenditure Management and Financial Accountability* (Responsabbiltà Finanzjarja ta' Ġestjoni ta' Nefqa Pubblika) |
| PER | — | *Public Expenditure Review* (Reviżjoni ta' Nefqa Pubblika) |
| PETS | — | *Public Expenditure Tracking Survey* (Stima ta' l-Andament ta' Nefqa Pubblika) |
| PF | — | Finanzjar pubbliku |
| PFMA | — | Valutazzjoni ta' Ġestjoni ta' Finanzjar pubbliku |
| PPARP | — | Programm multiannwali ta' sostenn għat-tnaqqis tal-povertà |
| PRGF | — | Faċilità għal Tnaqqis ta' Povertà u Tkabbir |
| PRSP | — | *Poverty Reduction Strategy Paper* (ara DSRP) |
| PSCAP | — | *Public Service Capacity Building Programme* (Programm ta' Tisħiħ ta' Kapaċità tas-Servizz Pubbliku) |
| ROSC | — | *Report on the Observance of Standards and Codes* (Rapport dwar l-Osservanza ta' Standards u Kodiċi) |
| SAI | — | Istituzzjoni Suprema ta' Verifika |
| SISTAFE | — | *Sistema de Administração Financeira do Estado* (sistema ta' amministrazzjoni finanzjarja tal-gvern) |
| WB | — | Bank Dinji |

**SOMMARJU**

***Deskrizzjoni tal-mekkaniżmu***

I. Il-volum ta' l-għajnuna diretta mill-baġit mhux allokata żdiedet sostanzjalment fis-snin riċenti u bħalissa tagħmel madwar parti minn ħamsa ta' l-għajnuna EDF. Għandha vantaġġi maġġuri varji — prinċipalment huma l-pussess u s-sempliċità akbar (ara paragrafi 9-11), iżda hija assoċjata ma' livell ta' riskju (ara paragrafi 12-13) fis-sens illi l-fondi żburżati huma miżjuda mad-dħul tal-pajjiżi benefiċjarji, li mbagħad jonfquhom skond is-sistemi ta' ġestjoni tagħhom, li normalment huma dgħajfa. Il-filosofija wara l-għajnuna mill-baġit hija sabiex tgħin pajjiżi benefiċjarji sabiex inaqqsu filwaqt li jippermettilhom sabiex jiġġestixxu l-iżvilupp tagħhom permezz ta' tkabbir u tnaqqis tal-povertà. Il-maġġoranza tal-kontribwenti qed juru interess miżjud f'din il-forma ta' għajnuna, li hija fundamentalment differenti mill-metodu tradizzjonali ta' sostenn ta' proġett (ara paragrafu 11).

II. Il-Kummissjoni hija preparata sabiex titrasferixxi għajnuna mill-baġit lil pajjiżi b'sistemi ta' ġestjoni dgħajfa, bil-kondizzjoni li riformi jidħlu fis-seħħ sabiex dawn jittejbu (ara paragrafi 28-29). Dan huwa proċess fit-tul. Il-Kummissjoni għaldaqshekk ħolqot għodda bl-għan li twettaq eżaminazzjoni inizjali tal-kwalità tal-ġestjoni ta' finanzi pubbliċi u r-riformi proposti, iżda ukoll għall-valutazzjoni ta' tibdil fil-ġestjoni u l-progress ta' dawk ir-riformi.

***Il-verifika tal-Qorti***

III. Il-mira ta' l-inkjesta kienet sabiex teżamina, għall-2003-2004, kif il-Kummissjoni ġestiet ir-riskju marbut ma' finanzjar pubbliku, riskju fil-qafas ta' l-għajnuna mill-baġit, u dwar kif akkwistat assigurazzjoni tal-kwalità tal-ġestjoni ta' finanzjar pubbliku u l-effettività tar-riformi introdotti mill-Pajjiżi benefiċjarji (ara paragrafi 19-20). Il-verifika ffukat b'mod partikolari fuq il-programmi ta' għajnuna diretta mill-baġit mhux allokata mogħtija mill-EDF fil-qafas tal-Ftehim ta' Cotonou. Kien ibbażat fuq kontrolli mwettqa fil-kwartieri ġenerali tal-Kummissjoni u f'ħames pajjiżi (ara paragrafi 21-22).

***Riżultati tal-verifika***

IV. L-għodda analitiċi u ta' segwitu, li l-Kummissjoni tapplika b'kordinazzjoni mal-kontribwenti l-oħra, u b'mod partikolari mal-Bank Dinji u l-IMF, jipprovdu informazzjoni relattivament komprensiva li tippermetti li tieħu azzjoni appożita. Iżda, id-disinn (ara paragrafi 23-27 u 42-46) u l-implimetazzjoni (ara paragrafi 31-37 u 47-68) ta' din l-għodda hemm bżonn li jiġu mtejjba. Hemm xi nuqqasijiet fid-disinn fuq livell dijanjostiku u fir-rapporti ta' segwitu, li m'humiex kompluti u informattivi biżżejjed. Barra minn hekk, hemm kordinazzjoni insuffiċjenti ma' kontribwenti oħra fuq livell lokali rigward l-użu ta' dawn l-istrumenti u l-implimentazzjoni tagħhom ma' tikkunsidrax biżżejjed x'qed isir minn parlamenti u istituzzjonijiet ta' verifika nazzjonali fil-pajjiżi benefiċjarji konċernati.

V. Il-Qorti tagħti parir li l-Kummissjoni:

a) taġġorna u tispiċċa l-Gwida Metodoloġika tagħha, *inter alia* fejn ir-rapporti ta' monitoraġġ huma konċernati (ara paragrafu 84);

b) tagħti evidenza aktar ċara għall-eliġibilità ta' pajjiżi benefiċjarji (ara paragrafu 85);

c) timpjega markaturi ta' inċentivi ta' eżekuzzjoni ta' finanzjar pubbliku (ara paragrafu 86);

d) tiffinalizza l-għodda l-ġdida ta' valutazzjoni ta' l-eżekuzzjoni tal-ġestjoni ta' finanzjar pubbliku u tagħmel mill-aħjar li tista' sabiex tiġi adottata mill-kontribwenti varji (ara paragrafu 87);

e) issaħħaħ koperazzjoni lokali bejn kontribwenti (ara paragrafu 88);

f) issaħħaħ ir-relazzjonijiet tagħha mal-parlamenti u l-Istituzzjonijiet Supremi ta' Verifika tal-pajjiżi benefiċjarji (ara paragrafu 89).

## INTRODUZZJONI

1. Fl-2000, il-Qorti eżaminat is-segwitu ta' l-użu ta' fondi opposti minn sostenn għal aġġustament strutturali mmarkat għal għajnuna mill-baġit għal pajjiżi ACP ([1]). Il-Kummissjoni minn dak iż-żmien bidlet din il-forma ta' assisteza b'għajnuna mill-baġit, li bħalissa tirrappreżenta aktar minn kwart ta' l-għajnuna totali taħt id-disa' EDF (ara *Tabella A* f'*Anness 1*).

2. Il-Parlament ([2]) u l-Kunsill ([3]) għarfu l-vantaġġi ta' għajnuna mill-baġit. Huma kkonċernati dwar it-twettiq ta' kontroll tal-Kummissjoni u ħeġġewha sabiex thares l-osservanza ta' l-Artikolu 61(2) tal-Ftehim ta' Cotonou (ara paragrafu 18) u sabiex tassigura valutazzjoni aktar dettaljata, flimkien mal-kontribwenti l-oħra, tad-direzzjoni meħuda mill-ġestjoni ta' finanzi pubbliċi fil-pajjiżi benefiċjarji u tal-progress tar-riformi sabiex itejjbu dik il-ġestjoni.

## QASAM TAL-VERIFIKA: GĦAJNUNA DIRETTA MILL-BAĠIT MHUX ALLOKATA

### *Definizzjoni*

3. Għajnuna mill-baġit hija mħallsa fil-baġits tal-pajjiżi benefiċjarji sabiex tikkumpensa għal nuqqasijiet fir-riżorsi domestiċi tagħhom. Hija tipprovdi sostenn *de facto* għal bilanċ ta' ħlasijiet u finanzjar pubbliku. Fil-preżent, il-maġġoranza ta' l-għajnuna mill-baġit maħruġa mill-Kummissjoni hija "diretta" u "mhux allokata". L-importanza relattiva ta' din l-għajnuna f'assistenza totali EDF tidher f'*Tabella B* f'*Anness 1*. L-ammont ta' l-għajnuna mill-baġit skond il-pajjiż tidher f'*Tabella Ċ* f'*Anness 1*.

4. L-għajnuna hija "diretta" fis-sens li hija tidħol fil-baġits direttament mingħajr il-bżonn għal allokazzjoni opposta ta' munita għall-importazzjonijiet essesnzjali tal-pajjiżi. Ġeneralment, dan il-mekkaniżmu mhux neċessarju aktar minħabba li l-munita tal-pajjiżi benefiċjarji tista' tinqaleb kważi dejjem u hija trasferibbli liberament.

5. Hija "mhux allokata" fis-sens li hija magħmula indistingwibbli minn dħul ieħor tal-baġit u ma tistax tkun assoċjata ma' nefqa speċifika, b'kuntrast ma' għajnuna mill-baġit allokata, fejn il-fondi EDF huma mħallsa fil-kontijiet speċjali liema użu jirrikjedi il-firma tal-Kapijiet tad-Delegazzjoni. Għajnuna mill-baġit allokata hija limitata ([4]) għal każijiet ta' pajjiżi li qed jesperjenzaw problemi serji ta' likwidità.

([1]) Ara Rapport Speċjali Nru 5/2001 tal-Qorti ta' l-Awdituri (ĠU Ċ 257, ta' l-14.9.2001).

([2]) Ara r-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew li fiha l-kummenti li jakkumpanjaw id-deċiżjoni rigward approvazzjoni lill-Kummissjoni b'rispett ta' l-implimentazzjoni tal-baġit tas-sitt, is-seba' u t-tmien EDFs għas-sena finanzjarja 2002, ĠU L 330, ta' l-4.11.2004.

([3]) Ara d-dokument tal-Grupp ta' Xogħol ACP/FIN tal-Kunsill nru 6107/04 tad-19 ta' Frar 2004 dwar l-approvazzjoni li trid tingħata lill-Kummissjoni rigward il-ġestjoni finanzjarja tas-6, 7 u 8 EDFs (sena finanzjarja 2002).

([4]) Fl-2000, il-Kummissjoni għarfet li allokazzjoni kienet ta' effettività limitata, minħabba fil-parti l-kbira ta' l-effeti kollaterali (dewmien fl-implimentazzjoni u frammentazzjoni tal-proċess tal-baġit), proċeduri ta' allokazzjoni b'nuqqas ta' tattika u, fuq kollox, in-natura funġibbli tal-baġit.

### *Titjib tal-ġestjoni ta' finanzjar pubbliku: wieħed mill-miri ta' l-għajnuna mill-baġit*

6. Il-miri prinċipali ta' għajnuna mill-baġit huma sabiex jiffaċilitaw it-tkabbir u jnaqqsu l-povertà, it-tnejn li huma fost il-Miri ta' Żvilupp tal-Millenju tan-Nazzjonijiet Uniti ([5]).

7. Għall-maġġoranza tal-pajjiżi ACP konċernati, dan jittraduċi ruħu f'Dokument ta' Strateġija għal Tnaqqis tal-Povertà (PRSP), li huma mtella' mill-pajjiż u approvat mill-kontribwenti prinċipali. Dan id-dokument iniżżel il-linji ta' gwida prinċipali għal żmien medju adottat mill-pajjiż sabiex titnaqqas il-povertà minn fost il-popolazzjoni.

8. Riformi tal-ġestjoni ta' finanzjar pubbliku huma element wieħed ta' l-istrateġija ġenerali għat-tnaqqis tal-povertà ta' l-EDF u ta' sostenn dirett mill-baġit mhux allokat. Permezz ta' l-approċċ dinamiku tal-Kummissjoni (ara paragrafu 28), dawn ir-riformi jsiru fihom infushom mira importanti ta' għajnuna mill-baġit.

### *Vantaġġi: pussess u sempliċita' akbar*

9. Għajnuna diretta mill-baġit mhux allokata tippermetti lill-Kummissjoni sabiex tidħol kompletament fil-kwistjoni ta' kif baġits nazzjonali huma ġestiti, billi tagħti bidu għal djalogu permanenti mal-pajjiżi dwar riformi sabiex tiġi mtejba dik il-ġestjoni. Dan it-titjib huwa ta' benefiċċju għal żvilupp inġenerali u jżidu l-għajnuna li hija provduta għal proġetti fejn il-flus jinħarġu mill-kontributuri fil-forom kollha tagħhom.

10. Għajnuna mill-baġit għandha tipprovdi lil pajjiżi b'sens aħjar ta' pussess milli għajnuna mogħtija lil varjeta' ta' proġetti. Barra minn hekk, l-integrazzjoni ta' l-għajnuna fil-baġit fil-fatt ipoġġiha taħt il-kontroll tal-parlament nazzjonali.

11. Għajnuna mill-baġit tista' tissimplifika aktar il-proċess ta' nefqa billi tnaqqas in-numru ta' stadji. Minħabba li hija mħallta ma' baġits, hija minfuqa skond proċeduri ta' implimentazzjoni nazzjonali tal-baġit, filwaqt li proġetti, li joffru vantaġġi oħra, huma normalment implimentati barra mill-baġits ta' pajjiżi benefiċjarji ([6]) u ġestiti skond il- proċeduri speċifiċi tal-kontribwenti varji ([7]) (ara *Dijagramma 1*).

([5]) Ara Riżoluzzjoni Nru 55/2 adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fit-8 ta' Settembru 2000.

([6]) Din il-prattika ma tħallix komprensività tal-baġit. Iżda, ċerti proġetti, għalkemm ġestiti barra mill-baġit, huma reġistrati fil-kontijiet annwali, b'hekk tissolva l-problema ta' pubblikazzjoni.

([7]) Il-prattika ta' ġestjoni separate, ħafna drabi tħalli dipartimenti tal-gvern mingħajr persunal kwalifikat, li huma impjegati sabiex imexxu dawn il-proġetti f'ċentri ta' tmexxija *ad hoc* li joffru rati aktar għolja ta' paga.

*Dijagramma 1*

**L-estensjoni ta' l-għajnuna EDF għal sostenn mill-baġit u proġetti**




(1) Skond il-prinċipju ta' universalita', f'baġit pubbliku d-dħul kollu huwa disponsibbli għan-nefqa kolha, minflok ma d-dħul ikun assenjat għal kategorija speċifika ta' nefqa.

*Sors:* Qorti ta' l-Awdituri.

***Żvantaġġ: riskju marbut man-nuqqasijiet tas-sistemi tal-finanzi pubbliċi nazzjonali***

12. Meta għajnuna diretta mill-baġit mhux allokata tiġi trasferita lill-pajjiżi benefiċjarji, l-użu tagħha huwa soġġett għal proċeduri nazzjonali tal-baġit. Din tesponi l-flus ta' l-Ewropej li jħallsu t-taxxa għal riskji normalment għolja li jolqtu dawk il-proċeduri. Il-kontribwenti huma konxji ta' dawn ir-riskji u jaċċettawhom sakemm riformi sabiex jittejjbu l-proċeduri nazzjonali tal-baġit ġew imwaqqfa.

13. Riforma ta' finanzi pubbliċi huwa proċess twil. Bil-qbil li tingħata għajnuna fuq perjodu ta' snin f'sistemi ta' żvilupp li ma jipprovdux mill-ewwel garanziji suffiċjenti f'termini ta' trasparenza, kredibilità jew effettività, il-kontribwenti qed jinvestu fil-futur.

14. Konsiderazzjoni oħra hija li din id-dipendenza ta' dawn il-baġits fuq għajnuna esterna b'mod ġenerali, u għajnuna EDF (ara *Tabella D* f'*Anness 1*), tolqot it-tbassir tal-baġit u kredibilità fil-pajjiżi benefiċjarji. Il-problema hija aggravata bis-sistemi ta' porzjonijiet varjabbli kondizzjonali.

***Implimentazzjoni: l-għajnuna hija kondizzonali***

15. Il-Kummissjoni timplimenta l-għajnuna diretta mill-baġit mhux allokata taħt programmi ta' tliet snin. Il-fondi huma mħallsa f'porzjonijiet ta' kull sitt xhur jew annwali meta l-Kummissjoni tkun eżaminat il-qbil ma' kondizzjonijiet minn qabel ġenerali (li jolqtu l-programm sħiħ) u kondizzjonijiet minn qabel speċifiċi (rilevanti għal porzjoni waħdieni). Xi porzjonijiet huma varjabbli, jiġifieri li jiġu kalkolati fuq il-bażi ta' markaturi ta' eżekuzzjoni.

***Dispożizzjonijiet regolatorji***

16. L-Artikolu 67(1), (3) u (4) tal-ftehim ta' sħubija ACP/EC iffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 (il-Ftehim ta' Cotonou), li jiggverna d-disa' EDF, jipprovdi li Pajjiżi ACP li jixtiequ jibbenefikaw minn għajnuna mill-baġit għandhom iwettqu riformi makroekonomiċi jew settorali li huma ekonomikament vijabbli u tollerati soċjalment u politikalment. Fil-prattika, fejn dawn ir-riformi huma sostnuti minn programm ta' l-Istituzzjonijiet ta' *Bretton Woods* (BWI), din il-kondizzjoni hija sodisfatta awtomatikament.

17. Skond l-Artikolu 61(1)(ċ) tal-Ftehim ta' Cotonou, l-għajnuna hija mħallsa direttament lill-Pajjiżi ACP b'muniti li jistgħu jinbidlu u trasferibbli liberament.

18. Skond l-Artikolu 61(2) tal-Ftehim, "Assistenza diretta mill-baġit b'sostenn ta' riformi makroekonomiċi jew settorali għandhom jingħataw fejn:

a) il-ġestjoni tan-nefqa pubblika hija biżżejjed trasparenti, marbutin li jagħtu kont u effettivi;

b) politika makroekonomika jew settorali definita b'mod tajjeb imwaqqfa mill-pajjiż stess u miftiehma mill-kontributuri prinċipali tagħha tinsab imwaqqfa; u

c) xogħol bl-appalt huwa miftuħ u trasparenti".

**IL-VERIFIKA TAL-QORTI**

***Mira tal-verifika***

19. L-għan ta' din il-verifika kien sabiex teżamina għall-2003-2004 kif il-Kummissjoni ġestiet ir-riskju marbut ma' finanzjar pubbliku u inerenti ma' dan it-tip ta' għajnuna, billi vverifikat l-kwalità tal-ġestjoni ta' finanzjar pubbliku u l-effettività tar-riformi introdotti mill-Pajjiż benefiċjarju. Dan fisser il-valutazzjoni ta', kemm meta d-deċiżjoni tal-finanzjament tal-programm ittieħdet u sa mill-bidu ta' l-implimentazzjoni:

a) il-Kummissjoni tatx definizzjoni ta' *qafas metodoloġiku* tajjeb sabiex jippermettilha li teżamina s-sitwazzjoni inizjali u żvilupp sussegwenti tal-ġestjoni ta' finanzjar pubbliku tal-pajjiżi benefiċjarji;

b) dan il-qafas metodoloġiku kienx *implimentat* korrettament kemm fl-istadji inizjali u ta' segwitu;

c) l-informazzjoni fuq liema d-deċiżjonijiet finanzjarji kienu bbażati — u, sussegwentement, l-informazzjoni fid-dokumenti ta' segwitu — *tawx idea tajba tas-sitwazzjoni*; u

d) id-*deċiżjonijiet* finanzjarji ġewx argumentati b'mod tajjeb u trasparenti u li l-Kummissjoni ħaditx *azzjoni* approprjata bħala konsegwenza.

20. Iżda, il-verifika ma kinitx immirata sabiex tiddetermina l-prudenza ta' l-użu ta' għajnuna mill-baġit bi preferenza flok fondi għal proġetti, lanqas ma mmirat li teżamina l-impatt ta' għajnuna mill-baġit fuq tnaqqis ta' povertà. L-aħħar nett, il-mira ma inkluditx il-verifika tal-ġestjoni ta' finanzjar pubbliku u riforma fil-pajjiżi benefiċjarji għalkemm, wara analiżi tad-dokumenti, kontrollati wieħed ma' l-ieħor ma' intervisti u żjarat fuq il-post, il-Qorti produċiet xi sejbiet rigward is-sitwazzjoni ta' finanzjar pubbliku u l-progress tar-riformi f'dawk il-pajjiżi (ara paragrafi 69-71).

***L-approċċ tal-verifika***

21. Kontrolli kienu mwettqa fil-kwartieri ġenerali tal-Kummissjoni, u informazzjoni ġiet miġbura mill-Bank Dinji u l-Fond Monetarju Internazzjonali (IMF). Matul iż-żjarat ta' verifika fil-ħames pajjiżi ACP miżjura (ara *Tabella 1*), il-Qorti eżaminat programmi fis-seħħ ta' għajnuna diretta mill-baġit mhux allokata [1]. Dawn il-pajjiżi ġew magħżula minħabba li huma joffru varjeta' ta' tradizzjonijiet ta' ġestjoni ta' finanzjar pubbliku u huma rappreżentanti (kemm ġeografikament u f'termini ta' valur) tas-sostenn mill-baġit finanzjat mill-Kummissjoni.

---

[1] L-informazzjoni prinċipali miġbura matul iż-żjarat fuq il-post kienet konfermata minn Konferenza Interministerjali dwar l-implikazzjonijiet ta' ġestjoni bbażata fuq riżultati ta' finanzjar pubbliku, il-qafas ta' nefqa fuq żmien medju u sostenn mill-baġit, li kien organizzat b'mod konġunt mill-Ministeru ta' l-Ekonomija u Finanzi tas-Senegal u *IDEA International*, bi sħab mal-Ministeri ta' l-Ekonomija u l-Finanzi tal-Benin, il-Burkina Faso, il-Kap Verde u l-Mali u s-sħab ta' l-iżvilupp (il-WB, l-IMF, l-UE, il-Kanada u l-Olanda). Awdituri mill-Qorti attendew ukoll.

*Tabella 1*

**Programmi eżaminati fil-ħames pajjiżi miżjura**

| Pajjiż miżjur | Ftehim ta' finanzjament eżaminat u dewmien | Valur (miljun EUR) | Bħala perċentwali ta' għajnuna totali pjanata taħt id-9 EDF |
|---|---|---|---|
| Etjopja | No 9171/ET, 2003/2004 — 2005/2006 (1) | 95 | 17,5 % |
| Mozambijk | No 6567/MOZ, 2002-2005 | 168 (2) | 51,7 % |
| Niġerja | No 9012/NIR, 2003-2005 | 90 | 26,0 % |
| Ċad | No 9067/CD, 2004-2006 | 50 | 18,3 % |
| Żambja | No 9114/ZA, 2004-2006 | 117 | 33,3 % |

(1) Is-sena tal-baġit ta' l-Etjopja tibda f'Lulju.
(2) Protokoll assenja 16,4 miljun euro aktar lill-Mozambijk, bħala fondi għall-elezzjonijiet miżmuma fl-2004.
*Sors:* Ftehim ta' finanzjament u Programmi Nazzjonali Indikattivi (NIPs) taħt id-9 EDF.

22. F'kull pajjiż miżjur, l-ewwel stadju kien li jiġu analizzati mill-ġdid il-ftehim u r-rapporti li d-Delegazzjoni ppreparat. Dawn kienu kontrollati wieħed ma' l-ieħor ma' rapporti mill-kontribwenti l-oħra u l-gvern u mqabbla mas-sitwazzjoni fid-dipartimenti prinċipali attivi fil-livelli varji tal-ġestjoni ta' finanzjar pubbliku: il-programmazzjoni u l-implimentar tal-baġit, ir-rendiment tal-kontijiet, verifika interna u esterna (1).

## SEJBIET TAL-VERIFIKA

### *Valutazzjoni tas-sitwazzjoni tal-ġestjoni ta' finanzi pubbliċi inizjali*

### Definizzjoni tal-qafas metodoloġiku

*Il-qafas metodoloġiku irid jiġi estiż*

23. F'Marzu 2002 l-Uffiċċju ta' Koperazzjoni *EuropeAid*, id-Direttorat Ġenerali ta' l-Iżvilupp (DEV) u d-Direttorat Ġenerali għar-Relazzjonijiet Esterni (RELEX) waqqfu "Gwida Metodoloġika għall-ipprogrammar u l-implimentazzjoni għas-sostenn mill-baġit għal pajjiżi terzi" ("il-Gwida"). Dan min-naħa kien tweġiba għar-rakkomandazzjonijiet preċedenti tal-Qorti (2). Il-Gwida jibqa', fl-2005, id-dokument ta' referenza prinċipali f'dan il-qasam. Dan huwa titjib sinifikanti fuq is-sitwazzjoni preċedenti. Iżda, eżaminazzjoni uriet li ma kienx adegwat għall-valutazzjoni inizjali ta' finanzjamenti pubbliċi.

24. Il-Gwida ma jpoġġix enfasi suffiċjenti fuq dħul domestiku, inluż d-dħul minn ażjendi pubbliċi, li għandha tingħatalhom l-istess konsiderazzjoni (3) bħala nefqa. Dan huwa minħabba, fil-fatt, titjib fil-ġbir u rkupru ta' dħul domestiku, li jista' jirriżulta f'inqas spejjeż u jieħu effett b'aktar ħeffa milli t-tnaqqis ta' nefqa irregolari, inaqqsu l-ħtiġijiet ta' għajnuna esterna għal ammont ekwivalenti u għandha tipprovdi lil min iħallas it-taxxa b'aktar inċentiv sabiex iħeġġu lill-awtoritajiet nazzjonali jagħtu rendikont ta' l-użu tagħhom.

25. Il-qafas tal-proposta dwar finanzjar tagħti sommarju qasir wisq tal-lista ta' informazzjoni li trid tiġi inkluża fil-valutazzjoni ta' finanzjar pubbliku. Il-Gwida għandu jipprovdi mudell dettaljat għal din il-valutazzjoni, li jista' jkun fuq il-bażi tal-mudell tar-rapporti ta' monitoraġġ tad-Delegazzjonijiet (ara paragrafu 42).

26. Is-sezzjoni tal-qafas tal-proposta dwar finanzjar li tindirizza l-eliġibilità tal-pajjiżi benefiċjarji ma tinkludi l-ebda referenza għal Artikolu 61(2) tal-Ftehim ta' Cotonou (ara paragrafu 18).

(1) F'kull pajjiż, laqgħat ġew miżmuma mal-Kumitat Finanzjarju parlamentari, dipartimenti varji tal-Ministeru tal-Finanzi, żewġ ministeri ta' nfiq — normalment saħħa u edukazzjoni (minn dipartimenti ċentrali sa unitajiet 'il bogħod miċ-ċentru bħal skejjel jew ċentri ta' saħħa lokali), korpi ta' verifika interna u esterna u l-Bank Ċentrali, kif ukoll rappreżentanti tal-kontribwenti prinċipali, imsieħba soċjali u, fejn preżenti, NGOs ta' kontra l-korruzzjoni.
(2) Ara Rapport Speċjali Nru 5/2001 tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar fondi opposti minn sostenn għal aġġustament strutturali mmarkat għal għajnuna mill-baġit (ĠU Ċ 257, 14.9.2001) u Rapport Speċjali Nru 1/2002 rigward assistenza makrofinanzjarja (MFA) lil pajjiżi terzi u faċilitajiet għal aġġustament strutturali (SAF) fil-pajjiżi Mediterranji (ĠU Ċ 121, 23.5.2002).
(3) Filwaqt li d-dħul huwa normalment mitttieħed in konsiderazzjoni f'riformi tal-gvern (ara paragrafu 70), il-Kummissjoni għandha tinkorpora dan l-aspett fil-pragrammi tagħha b'mod aktar sistematiku.

27. Sa minn Marzu 2002, meta l-Gwida ġie ppubblikat, madwar għaxar noti ta' istruzzjonijiet ġew indirizzati lil Delegazzjonijiet minn varjetà ta' dipartimenti tal-Kummissjoni. Bħala riżultat, ma hemm l-ebda sett komplet ta' instruzzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-miżuri għal għajnuna mill-baġit. Għandu jkun ta' benefiċċju li tiġi finalizzata mill-aktar fis Gwida aġġornata, li tapplika fil-preżent, u li tiġi provduta f'intervalli regolari verżjoni konsolidata tal-Gwida ta' l-attwalitajiet ([1]).

*Interpretazzjoni dinamika tal-kundizzjonijiet ta' eliġibilità*

28. Il-Kummissjoni tinterpreta il-Kundizzjonijiet mwaqqfa mill-Artikolu 61, paragrafu 2, tal-Ftehim ta' Cotonou b'mod dinamiku. Fl-idea tagħha, in-nuqqasijiet li jolqtu il-ġestjoni ta' finanzjar pubbliku fiż-żmien tad-deċiżjoni ta' finanzjar ma jxekklux l-eżekuzzjoni ta' programm ta' għajnuna mill-baġit, dan sakemm il-ħajra għal riforma teżisti u li r-riformi huma meqjusa bħala sodisfaċenti. B'dan il-mod hija tikkunsidra mhux biss is-sitwazzjoni inizjali tas-sistemi ta' ġestjoni ta' finanzjar pubbliku, iżda ukoll tad-direzzjoni li qed tittieħed mill-pajjiż ([2]). Ħafna mill-istituzzjonijiet kontribwenti, b'mod partikolari l-istituzzjonijiet ta' *Bretton Woods*, jirreferu ukoll gaħll-perspettivi ta' titjib tas-sistemi ta' ġestjoni ta' finanzi pubbliċi aktar milli għal mira jew livell kwalitattiv assolut.

29. Din l-interpretazzjoni żżid aktar ir-riskju preżenti għal liema l-flus ta' l-Ewropej li jħallsu t-taxxa huma ġeneralment esposti minħabba li huma l-proċeduri nazzjonali għall-baġit tal-pajjiżi benefiċjarji li qed jiġu użati. Din l-interpretazzjoni timplika segwitu aktar rigoruż tas-sitwazzjoni u ta' l-evoluzzjoni tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi ta' dawn il-pajjiżi.

*Koerenza tal-programmi trid tkun spjegata aħjar*

30. Programmi ta' għajnuna diretta mill-baġit ma jiffukawx biżżejjed fuq id-direzzjoni li qed tittieħed minn pajjiż u l-forniment għas-segwitu. Il-Gwida ma jistipulax li l-proposti u l-ftehim kollha dwar finanzjament għandhom jiggarantixxu u jagħmlu espliċitu kif dawn li ġejjin huma relatati waħda ma' l-oħra loġikament:

a) in-nuqqasijiet misjuba fil-ġestjoni ta' finanzjamenti pubbliċi;

b) il-programm tal-gvern għal riformi;

c) ir-riżorsi istituzzjonali meħtieġa għall-implimentazjoni ta' dawk ir-riformi;

d) il-kundizzjonijiet speċifiċi u ġenerali (li jmexxu l-implimentazzjoni ta' programm), markaturi ta' eżekuzzjoni (li huma użati fil-kalkolazzjoni ta' prozjonijiet varjabbli) u għodda oħra ta' segwitu (li huma kunsidrati fid-djalogu ma' l-awtoritajiet nazzjonali, speċjalment fejn programmi EDF ser jiġu mġedda).

## Implimentazzjoni tal-qafas metodoloġiku

*Valutazzjonijiet inizjali ġeneralment komprensivi u ffokati fuq il-programm ta' riforma nazzjonali*

31. Fuq kollox, il-valutazzjonijiet inizjali tal-ġestjoni ta' finanzjamenti pubbliċi huma komprensivi b'mod raġonevoli ([3]). Il-valutazzjonijiet għandhom jużaw analiżi u valutazzjonijiet prodotti mal-kontribwenti l-oħra — prinċipalment BWIs — u l-awtoritajiet nazzjonali (ara *Anness 2* u paragrafi 43-44) sabiex jirrapportaw dwar in-nuqqasijiet essenzjali li jolqtu l-finanzjament pubbliku. Huma normalment jagħtu sommarju tal-prospetti għal titjib b'referenza għall-programm nazzjonali tar-riformi ([4]) (ara *Kaxxa 1*).

**Kaxxa 1 — Referenza għal pjanijiet nazzjonali ta' riforma tal-benefiċjarji**

*1. Il-valutazzjonijiet għall-Etjopja janalizzaw il-prospetti għal titjib u jirreferu għal miżuri pjanati fl-"Expenditure Management and Control Programme ([1])" (EMCP).*

*2. Ir-rapporti ta' valutazzjoni tal-finanzjament pubbliku tal-Mozambique dwar il-varji riformi mibdija mill-gvern, dak prinċipali s-sistema ta' ġestjoni finanzjarja tal-gvern SISTAFE (Sistema de Administração Financeira do Estado) ([2]), li kienet adottata fl-aħħar ta' 2002.*

([1]) Sa dan it-tant, il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli lill-persunal tagħha l-istruzzjonijiet kollha li huma neċessarji għall-ġestjoni operazzjonali ta' għajnuna mill-baġit fuq is-sit tagħha ta' l-intranet.

([2]) Minn parti 3.4 tal-Gwida: huwa importanti li jiġi assigurat kemm qabel u matul l-implimentazzjoni ta' kwalunkwe sostenn, li d-direzzjoni dwar finanzjar pubbliku meħuda mill-pajjiż konċernat tista' titqies bħala sodisfaċenti.

([3]) L-eċċezzjoni, iżda, hija l-valutazzjoni inizjali dwar Ċad. Diġa' ftit fl-istadju ta' proposta, ma teżistix aktar fil-ftehim ta' finanzjament, li jinkludi ftit biċċiet ta' informazzjoni mxerrda dwarha.

([4]) Minn parti 3.4 (a), tal-Gwida: il-valutazzjoni dwar kemm nefqa pubblika hija ġestita b'mod tajjeb għandha [...] tanalizza kwalunkwe programm preparat mill-gvern tal-pajjiż konċernat għat-titjib tal-ġestjoni tal-finanzjamenti pubbliċi tiegħu (inlużi l-arranġamenti possibbli għal miżuri ta' korrezzjoni) u r-rwol tal-komunità tal-kontribwenti. Dan it-tip ta' programm għandu jagħti fid-dettall il-pjan ta' azzjoni għall-implimentazzjoni tar-riformi, li ser ikunu suġġetti ta' superviżjoni speċifika mill-Kummissjoni.

*3. Fin-Niġerja, bħala tweġiba għall-verifika tal-programm ta' aġġustament strutturali mill-Kummissjoni fl-2001 u s-sospensjoni ta' sostenn mill-baġit li ġie warajha, il-gvern u l-Kummissjoni introduċew arranġament għal tkejjil ta' titjib fil-ġestjoni ta' finanzjamenti pubbliċi. Dan kien meħud debitament in konsiderazzjoni fil-valutazzjoni inizjali.*

*4. Il-proposta ta' finanzjament taċ-Ċad ma tinkludix analiżi tal-pjan ġenerali għal riformi ta' finanzjament pubbliku, minħabba li ma kinitx għadha taħt żvilupp f'dak iż-żmien.*

*5. Il-valutazzjoni taż-Żambja tirreferi għal programm ta' riforma nazzjonali, il-"Public Expenditure Management and Financial Accountability (PEMFA) Action Plan" ([3]), li kienet disponibbli biss f'abbozz fiż-żmien meta l-valutazzjoni inizjali ġiet magħmula.*

([1]) *Programm ta' Ġestjoni u Kontroll ta' Nefqa.*
([2]) *Sistema ta' ġestjoni ta' finanzi tal-gvern.*
([3]) *Responsabbiltà Finanzjarja ta' Ġestjoni ta' Nefqa Pubblika.*

32. Filwaqt li, ġeneralment, l-akbar parti ta' l-informazzjoni hija mogħtija fil-proposti dwar finanzjament, xorta waħda għadha mxerrda wisq. Il-proposti u ftehim dwar finanzjament ma jagħtux b'mod sistematiku biżżejjed ir-raġunijiet li jwasslu għal konklużjoni li, għalkemm in-nuqqasijiet misjuba mill-valutazzjoni inizjali tal-ġestjoni ta' finanzjamenti pubbliċi, kien hemm qbil mal-klawżola fuq il-kwalità ta' finanzjamenti pubbliċi (ara paragrafu 39). Il-preżentazzjoni għandha tkun standardizzata u strutturata aktar sabiex tippermetti lill-Kumitat EDF ([1]) u lill-Kummissjoni sabiex jiksbu assigurazzjoni, matul il-proċess li jwassal għal deċiżjonijiet dwar finanzjament, li konsiderazzjoni kienet qed tingħata lin-nuqqasijiet importanti.

33. Il-programi ta' riforma tal-gvern ma jinkludux sistematikament ir-riformi kollha — kemm jekk mibdija, pjanati jew qed jistennew konsiderazzjoni — li huma neċessarji għat-twaqqif ta' sistema biżżejjed trasparenti, ta' rendikont u effettiva tal-ġestjoni ta' finanzjamenti pubbliċi. Fid-djalogu ma' l-awtoritajiet nazzjonali il-Kummissjoni għandha taċċerta li tbassir komprensiv għandu jittella' u li jkun akkumpanjat minn orarju realistiku u rivedut regolarment. Din il-perspettiva ta' tul twil jew medju hija speċjalment importanti fil-kuntest fejn ir-rata ta' dawran tal-ġestjoni fil-Kummissjoni (kemm fil-kwartieri ġenerali u fid-Delegazzjonijiet) u fil-pajjiżi benefiċjarji tgħaġġel aktar miż-żmien meħud mir-riformi.

([1]) Kumitat ta' Konsultazzjoni tar-rappreżentanti tal-Pajjiżi Membri.

*Il-ġlieda kontra l-korruzzjoni: qasam li jrid jiġi żviluppat*

34. Kwistjoni oħra hija li l-programmi tal-Kummissjoni ma jieħdux konsiderazzjoni adegwata tal-problemi relatati mal-korruzzjoni ([2]), li ġew identifikati — mill-Bank Dinji b'mod partikolari — bħala ostaklu prinċipali għat-tnaqqis tal-povertà. Huwa veru li t-titjib tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi jgħin sa ċertu punt biex titnaqqas il-korruzzjoni. Xorta waħda, il-korruzzjoni jisthoqqilha attenzjoni partikolari. Għalkemm dan is-suġġett huwa sensittiv u mhux faċli biex jiġi diskuss, huwa importanti, bi sħab mal-Pajjiżi sovrani u bl-għajnuna ta' l-organizzazzjonijiet li jispeċjalizzaw f'dan il-qasam ([3]), sabiex titkejjel l-estensjoni tal-fenomenu, li jidher ħafna drabi taħt titoli different, u sabiex jinftiehem kif jaħdem ħalli miżuri adegwati jkunu jistgħu jiġu introdotti u inlużi mill-gvernijiet fil-programmi ta' riforma tagħhom.

*Sostenn istituzzjonali kordinat iżda mhux dejjem jieħdu sehem f'qafas globali*

35. Il-miżuri ta' sostenn istituzzjonali provduti fil-ftehim ta' finanzjament eżaminati huma korrdinati tajjeb mal-kontribwenti l-oħra, kemm espliċitament fil-ftehim jew, sussegwentement, matul l-implimentazzjoni. Iżda, ma jagħmlux dejjem parti ta' programm ta' sostenn istituzzjonali ġenerali ([4]) li jidentifika il-finanzjament provdut mill-varji kontribwenti (ara *Kaxxa 2*).

**Kaxxa 2 — Sostenn istituzzjonali kif provdut fi ftehim ta' finanzjament**

*1. Il-ftehim ta' finanzjament għall-Etjopja jipprovdi illi t-3,5 miljun euro mmarkati għal sostenn istituzzjonali għandhom jiġu mħallsa f'fondi tal-kontribwenti miġbura. Wieħed minn dawn huwa il-"Public Service Capacity Building Programme ([1])" (PSCAP), programm ta' kontribwenti varji ta' sostenn ġenerali li jammonta għal USD 400 miljun fuq 5 snin, immexxi mill-Ministeru tat-Tisħiħ tal-Kapaċita' (MCB).*

*2. Fil-Mozambijk il-5,5 miljun euro allokati għal sostenn istituzzjonali ġew allokati għal miżuri li għandhom jitwettqu b'mod konġunt mal-kontribwenti prinċipali. Min-naħa l-oħra, ma ġewx inklużi fi programm ta' sostenn ġenerali minħabba li ma kien hemm l-ebda disponibbli meta l-proposta ta' finanzjament kienet imfassla.*

([2]) Artikolu 9(3) tal-Ftehim ta' Cotonou jagħmila ċara li l-ġlieda kontra l-korruzzjoni hija parti essenzjali ta' l-assistenza għal żvilupp tal-Komunità Ewropea.
([3]) F'Diċembru 2004, il-Kumitat ta' Assistenza għal Żvilupp ta' l-OECD u *Transparency International* organizzaw Forum ta' Sħubija għal Żvilupp fuq it-tema Titjib ta' l-effettività tal-kontribwenti fil-ġlieda kontra l-Korruzzjoni.
([4]) Minn parti 1.3 tal-Gwida: Kull sostenn istituzzjonali għandu jkun provdut bħala parti ta' programm ta' sostenn ġenerali, mtella' mill-gvern u sostnut mill-kontribwenti, u għandu jkun kumplimentari għal kwalunkwe fondi oħra provduti mill-kontribwenti.

*3. Il-programm tan-Niġerja mmarkat 1,35 miljun euro għal miżuri ta' assistenza teknika għall-Ministeru ta' l-Ekonomija u Finanzi. Il-miżuri pjanati ma jagħmlux parti minn programm ta' sostenn ġenerali.*

*4. Fiċ-Ċad 3,7 miljun euro ġew imwarrba għal tisħiħ ta' kapaċità. Ma hemm l-ebda dettalji preċiżi għal dan ta' l-aħħar minħabba li l-bżonnijiet f'dak is-settur ma ġewx identifikati fiż-żmien meta l-proposta ta' finanzjament ġiet imfassla. L-abbozz ta' programm ta' sostenn ġenerali huwa mistenni lejn l-aħħar ta' l-2004, la darba il-konklużjonijiet tal-"Country Financial Accountability Assessment (²)" (CFAA) ikunu finalizzati.*

*5. Fiż-Żambja 6,75 miljun euro ġew imwarrba għal tisħiħ ta' kapaċità. Huma jiffurmaw parti minn programm ta' sostenn ġenerali li ma kienx finalizzat fiż-żmien meta l-ftehim ta' finanzjament kien iffirmat. Il-programm kien iffirmat minn ħdax-il kontribwent f'Diċembru 2004.*

*(¹) Programm ta' Tisħiħ ta' Kapaċità tas-Servizz Pubbliku.*
*(²) Valutazzjoni tar-Risponsabbiltà Finanzjarja tal-Pajjiż.*

36. Programm ta' sostenn ġenerali jippermetti li jiġu kkalkolati l-bżonnijiet għal liema l-EDF jista' jkun utilment responsabbli. Il-Kummissjoni għandha tassigura li programm jiġi metlla', bi skeda approssimattiva, sabiex ikopri l-miżuri neċessarji kollha, inklużi dawk għal liema l-finanzi għadhom iridu jinstabu.

*L-ebda rakkomandazzjoni mill-Kapijiet tad-Delegazzjoni*

37. Ir-rakkomandazzjonijiet provduti fil-Gwida mill-Kapijiet tad-Delegazzjoni qatt ma saru (¹). Iżda, hemm pjanijiet sabiex jiġi mistoqsi lill-Kapijiet sabiex jinkludu, fir-rapporti tagħhom ta' superviżjoni ta' darbtejn fis-sena, sommarju ġenerali ta' l-ideat tagħhom, li in parti hija konsegwenta ta' l-istess approċċ. Fiż-żewġ każijiet, huwa ta' valur li jinkisbu formalment l-ideat espliċiti tal-persuni li għandhom esperjenza kontinwa tajba tas-sitwazzjoni fuq il-post. Il-Kummissjoni għandha għaldaqshekk iżżomm din id-dispożizzjoni fil-Gwida u tassigura li tkun inforzata.

(¹) Minn parti 3.4, daħla (i), tal-Gwida: Il-Kap tad-Delegazzjoni għandu jikteb rakkomandazzjoni dwar il-kwalità tal-ġestjoni ta' finanzi pubbliċi f'dak il-pajjiż u l-prospetti għal titjib. […] AIDCO għandu mbagħad jiddeċiedi jekk jabbozzax proposta dwar finanzjament.

**L-informazzjoni tirrifletti s-sitwazzjoni reali**

38. Il-Kummissjoni identifikat in-nuqqasijiet kollha tal-ġestjoni ta' finanzi pubbliċi li l-Qorti sabet matul iż-żjarat ta' verifika fil-pajjiż. L-eċċezzjoni rrigwardat iċ-Ċad, fejn kien misjub li kien hemm problema ta' arretrati (²) dwar liema l-kontribwenti ma kienux apparentament infurmati.

**Id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni mhux argumentati biżżejjed**

39. Wara l-wasla ta' opinjoni favorevoli mill-Kumitat ta' l-EDF, il-Kummissjoni ddeċidiet li tiffirma l-ħames programmi eżaminati, irrispettivament min-nuqqasijiet fil-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi osservati fil-pajjiżi konċernati, u b'hekk uriet li hija ħasset li d-direzzjoni meħuda mill-pajjiż kienet sodisfaċenti. Aktar raġunijiet dettaljati għandhom ikunu mogħtija għal dawn il-konklużjonijiet, b'attenzjoni partikolari kif il-programmi ta' riforma huma mistennija li jgħelbu dawk in-nuqqasijiet (ara paragrafu 30).

40. B'mod ġenerali, is-sitwazzjoni inizjali rigward il-ġestjoni ta' finanzi pubbliċi fil-pajjiżi ACP hija karatterizzata minn ħafna nuqqasijiet. F'uħud mill-pajjiżi miżjura, il-Kummissjoni kienet waħda mill-kontribwenti ta' l-ewwel sabiex taċċetta li tieħu ħsieb dan ir-riskju (ara *Kaxxa 3* u *Tabella E u F f'Anness 1*). F'kull okkażjoni, iżda, programm ta' l-IMF kien għaddej fl-istess ħin.

**Kaxxa 3 — Is-sitwazzjoni ta' kontribwenti oħra rigward għajnuna mill-baġit mhux allokata fil-ħames pajjiżi miżjura**

*1. Fl-Etjopja l-Kummissjoni kienet l-ewwel kontribwent sabiex tipprovdi għajnuna mill-baġit mhux allokata, fl-2002. Hija kienet akkumpanjata mill-"UK-Department for International Development (¹)" (DFID), fl-2003, u mbagħad mill-Bank Dinji u l-Irlanda fl-2004.*

*2. Fil-Mozambijk in-numru ta' kontribwenti li provdew għajnuna mill-baġit żdied konsiderevolment sa mill-2000, fejn laħaq madwar 15 fl-2004.*

(²) Dawn l-arretrati jikkorRiżpondu għal servizzi mogħtija u fatturati (u għaldaqshekk qed jistennew li jiġu mħallsa) iżda kuntrattati barra mill-iskop ta' impenji tal-baġit u mhux inklużi fil-kontijiet. Huma għaldaqshekk mhux koperti mis-superviżjoni ta' l-arretrati, li hija mwettqa mill-kontribwenti. Għadu mhux magħruf preċiżament kemm jiswew.

*3. Fin-Nigerja l-Kummissjoni kienet f'Marzu 2004 l-unika kontribwent li provdiet għajnuna mill-baġit mhux allokata fl-2004. Il-Bank Dinji u l-ADB kienu għamlu intervenew fl-aħħar ta' l-2004 .*

*4. Fiċ-Ċad varji kontribwenti flimkien mal-Kummissjoni ilhom jipprovdu sostenn mill-baġit għal tul ta' snin. Huma jinkludu l-Bank ta' L-iżvilupp Afrikan (ADB), L-Aġenzija ta' l-Iżvilupp Franċiża (Agence Française de Développement — AFD), il-Bank Dinji u l-Fond Monetarju Internazzjonali. Iżda, dawn ta' l-aħħar issosspendew it-tiġdid tal-Faċilita' għal Tnaqqis ta' Povertà u Tkabbir (PRGF).*

*5. Fiż-Żambja, f'Mejju 2004, kienet il-Kummissjoni l-unika kontribwent li tipprovdi għajnuna mill-baġit. Uħud mill-kontribwenti, ma' liema ltaqgħu l-awdituri fil-pajjiż, laqgħu l-inizjattiva tal-Kummissjoni u kienu preparati li jipparteċipaw fil-programm ġenerali għat-tisħiħ ta' kapaċita', iżda ma kienux lesti sabiex jipprovdu sostenn mill-baġit huma nfushom fil-futur qarib.*

*(1) Dipartiment tar-RU għall-Iżvilupp Internazzjonali.*

***Monitoraġġ tal-progress tar-riformi***

**Qafas metodoloġiku taħt żvilupp**

41. L-għodda prinċipali wżati għas-superviżjoni ta' l-iżvilupp tal-ġestjoni ta' finanzi pubbliċi huma ir-rapporti ta' monitoraġġ tad-Delegazzjonijiet u l-markaturi ta' eżekuzzjoni.

*Rapporti ta' monitoraġġ tad-Delegazzjonijet jistgħu jittejjbu*

42. Il-Gwida jispeċifika li d-Delegazzjonijiet għandhom jagħtu każ ta' finanzi pubbliċi u jirrappurtaw mas-servizzi ċentrali tal-Kummissjoni (1). Id-Delegazzjonjiet ġew diretti li r-rapporti ta' superviżjoni ta' kull sitt xhur għandhom jinkludu deskrizzjoni tas-sitwazzjoni (għal liema mudell huwa disponibbli) u skeda ta' kompiti għas-superviżjoni tar-riforma ta' finanzi pubbliċi (2). Għalkemm l-istruzzjonijiet huma għodda ta' ġestjoni validi, l-ewwel indikazzjonijiet li joħorġu mill-implimentazzjoni tagħhom (ara paragrafi 47-68) huma li jistgħu jiġu mtejjba u estiżi permezz ta':

a) il-mudell għad-deskrizzjoni tas-sitwazzjoni ta' finanzi pubbliċi isir konformi mal-qafas ta' valutazzjoni li bħalissa qed jiġi żviluppat mill-isħab ta' Responsabbiltà Finanzjarja tan-Nefqa Pubblika (3) (ara *Anness 2*);

b) neċessità ta' segwitu sistematiku ta' l-implimetazzjoni tal-programm ta' sostenn istituzzjonali sabiex jiġu identifikati miżuri fejn diffikultajiet jew dewmien qed jiġu esperjenzati;

c) neċessità ta' assigurazzjoni espliċita ta' konsistenza bejn il-varji analiżi (it-tnejn imsemmija hawn fuq u l-iskeda ta' kompiti għas-superviżjoni tar-riformi);

d) neċessità tad-Delegazzjoni li tagħti opinjoni ġenerali, flimkien ma' rakkomandazzjoni għal aktar azzjoni;

e) neċessità li l-elementi objettivi kollha ta' dawn ir-rapporti ta' monitoraġġ, fejn huwa possibbli, jiġu mtella' b'mod konġunt — jew għall-anqas maqsuma — ma' kontribwenti oħra (kull uffiċju lokali rappreżentant li jirrapporta lill-kwartieri ġenerali rispettivi tiegħu, flimkien, possibilment, l-għan finali li jiġi prodott dokument konġunt);

f) neċessità ta' l-awtoritajiet nazzjonali li jkunu involuti kemm jista' jkun possibbli fix-xogħol ta' valutazzjoni, bl-idea b'mod partikolari li jiġu żviluppati l-kapaċitajiet ta' verifika tagħhom. Iżda, il-kwalità tal-ġestjoni ta' finanzi publiċi għandha tkun kwistjoni għal ġudizzju professjonali indipendenti;

g) ir-rapporti għandhom jiġu prodotti b'inqas frekwenza, fuq bażi annwali, minħabba li proċedura ta' twissija minn kmieni msemmija fil-Gwida (4) tippermetti azzjoni fl-istess sena.

(1) Minn parti 5.3 tal-Gwida: id-Delegazzjoni timmonitorizza l-evoluzzjoni ta' finanzi pubbliċi permezz tar-relazzjonijiet ma' l-istituzzjonijiet lokali (Ministeru ta' L-Ekonomija u tal-Finanzi, il-Qorti ta' l-Awdituri, il-Bank Ċentrali, u l-Kumitat tal-Kontijiet Pubbliċi tal-Parlament Nazzjonali), kontribwenti oħra u soċjeta'ċivili. Hija tieħu minn dawn l-istituzzjonijiet ir-rapporti pubblikati regolarment tagħhom u tibgħathom lill-Kwartieri Ġenerali bil-kummenti. Id-Delegazzjoni għandha tagħti attenzjoni partikolari lejn il-programmi ta' riforma ta' finanzi pubbliċi u, fejn xieraq, għall-miżuri ta' implimentazzjoni miftiehma ma' kontribwenti u l-Kummissjoni Ewropea (arranġament ta' miżuri).

(2) Il-forma u l-kontenut tar-rappporti ta' monitoraġġ ta' kull sitt xhur huma msemmija fin-nota ta' l-AIDCO nota nru 24972 tat-18 ta' Settembru 2003 lill-Kapijiet tad-Delegazzjoni.

(3) PEFA kien imwaqqaf fl-2001 bħala tisħib bejn il-Bank Dinji, il-Kummissjoni Ewropea, DFID, is-Segretarjat ta' l-Istat Żvizzeru għall-Affarijiet Ekonomiċi, il-Ministeru Franċiż għall-Affarijiet Barranin, il-Ministeru Norveġiż għall-Affarijiet Barranin u l-IMF.

(4) Il-Gwida tispeċifika li l-Kapijiet tad-Delegazjoni għandhom jagħtu bidu għal proċedura ta' twissija minn kmieni jekk problemi sinifikanti jinħolqu li jistgħu ixekklu l-andament tajjeb tal-programm.

43. Dawn ir-rapporti jistrieħu fuq verifiki u valutazzjonijiet tal-kontribwenti u gvernijiet, li qed jevolvu f'modi sinifikanti. B'mod partikolari, il-Kummissjoni qed taħdem ma' kontribwenti oħra — partikolarment il-Bank Dinji — sabiex jiġi żviluppat qafas ta' valutazzjoni ta' l-eżekuzzjoni tal-ġestjoni ta' finanzi pubbliċi ġdid fi ħdan il-qafas tal-PEFA (ara *Anness 2*). Dan kieku jieħu post l-għodda eżistenti.

44. Il-Qafas ta' Valutazzjoni bħalissa qed jiġi eżaminat f'madwar 30 pajjiż (inklużi 18-il Pajjiż ACP), fejn f'14 minnhom l-Kummissjoni poġġiet lilha nnfisha bħala maniġer prinċipali [1]. Sa mill-2005, għaldaqshekk, il-kontribwenti għandu jkollhom biżżejjed esperjenza sabiex jagħmlu t-titjib neċessarju għall-Qafas sabiex jiġi adottat u magħmul operattiv. Wara eżaminazzjoni tal-Qafas ta' Valutazzjoni, xi titjib ġew proposti (ara paragrafu 7 ta' *Anness 2*).

*Markaturi ta' eżekuzzjoni qed jiġu mtejjba*

45. Matul l-implimentazzjoni tal-programmi ta' għajnuna mill-baġit tagħha, il-Kummissjoni tuża markaturi ta' eżekuzzjoni (ara *Anness 3*) sabiex tkejjel progress fil-kwalità ta' finanzjamenti pubbliċi u riżultati settorali, bl-għan prinċipali li tikkoraġġixxi l-pajjiżi benefiċjarji sabiex itejjbu l-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi tagħhom. Dan tagħmlu billi tinterpreta l-markaturi bil-kalkolazzjoni ta' porzjonijiet varjabbli. Il-Gwida jipprovdi ħafna dettall dwar is-selezzjoni u l-użu ta' markaturi ta' eżekuzzjoni. Fil-bidu ta' l-2005, il-Kummissjoni bdiet eżerċizzju fuq metodi ta' titjib tagħhom.

46. Il-markaturi ta' eżekuzzjoni li jiġu wżati ma jkoprux l-aspetti kollha tar-riformi li qed jiġu implimentati minħabba li dan jagħmilhom wisq numerużi u mhux maniġġabbli. Huwa għaldaqshekk importanti li jingħataw raġunijiet għall-għażliet mittieħda u li jkun indikat b'mod ċar liema setturi mhux koperti mill-markaturi, b'dikjarazzjoni jekk humiex ta' prijorità baxxa, jekk ma kienx possibbli li jiġu identifikati markaturi xierqa jew jekk l-informazzjoni bażika ta' bżonn għall-kalkolazzjoni ta' markaturi ma hix dipendibbli (f'liema każ jistgħu jkunu magħmula aktar sodi fil-futur).

## Implimentazzjoni tal-qafas metodoloġiku

*Rapporti ta' monitoraġġ tad-Delegazzjonijet mhux kompluti*

47. Ħafna mid-drabi, l-ewwel rapporti ta' monitoraġġ [2] mid-Delegazzjonijiet fil-ħames pajjiżi miżjura huma limitati għal analiżi statika tal-ġestjoni ta' finanzi pubbliċi, li ġeneralment hija ta' kwalità tajba u maħduma fuq mudell provdut mill-kwartieri ġenerali. Dawn ir-rapporti mhux kompluti fis-sens li, fost affarijiet oħra, it-tabella dwar is-superviżjoni tar-riforma tal-finanzi pubbliċi ma tkunx preżenti (ara *Kaxxa 4*). Użu aħjar għandu jsir minnhom mis-servizzi ċentrali, li mhux dejjem irrispondew permezz ta' l-għotja ta' struzzjonijiet ċari rigward il-miżuri li jridu jittieħdu.

[1] Ara nota nru 17450 tad-9 ta' Ġunju 2004 mid-DEV u l-AIDCO għall-14-il Delegazzjoni konċernati.

[2] Ir-rapporti eżaminati fil-ħames pajjiżi kienu normalment l-ewwel mittip tagħhom li ġew pubblikati sa minn meta l-programmi kurrenti nbdew.

**Kaxxa 4 — Rapporti ta' monitoraġġ fil-ħames pajjiżi miżjura**

*1. Fl-Etjopja ż-żewġ rapporti ta' monitoraġġ maħruġa f'Marzu u f'Lulju 2004 (2004-I u 2004-II) jimxu fuq il-mudell provduta mill-kwartieri ġenerali u jipprovdu informazzjoni ta' kwalita', iżda t-tabella dwar il-monitoraġġ tar-riforma ta' finanzi pubbliċi ma ġietx kompluta.*

*2. Fil-Mozambijk l-ewwel rapport ta' monitoraġġ ta' nofs is-sena kien mibgħut tard, minħabba r-riżorsi ta' persunal limitati disponibbli fid-Delegazzjoni. Ir-rapport jipprovdi informazzjoni ta' kwalita' u jimxi mal-mudell b'reqqa, iżda jonqsu informazzjoni dwar il-ġestjoni tar-riżorsi umani (parti I.B.3 tar-rapport), iż-żamma ta' proċeduri b'eċċezzjoni għall-esekuzzjoni tan-nefqa (parti II.B.4), u r-reġistrar ta' l-aktar bżonnijiet urġenti f'termini ta' tisħiħ ta' kapaċita' (parti III.C). Ir-rapport fuq ġestjoni dwar il-monitoraġġ tar-riforma tal-finanzi pubbliċi huwa nieqes ukoll.*

*3. Id-Delegazzjoni fin-Niġerja rċeviet istruzzjonijiet dwar il-preżentazzjoni ta' rapporti tard u ħasbet sabiex ittella' l-ewwel rapport dwar monitoraġġ tagħha fit-tieni nofs ta' l-2004, wara li r-reviżjoni tal-"Public Expenditure Management and Financial Accountability [1]" (PEMFA) kienet finalizzata.*

*4. Id-Delegazzjoni fiċ-Ċad bgħatet żewġ rapporti ta' monitoraġġ ta' kull sitt xhur, f'April 2003 u fi Frar 2004 (għat-tieni nofs ta' l-2003). It-tieni wieħed kien tard, minħabba nuqqasijiet fir-riżorsi umani fid-Delegazzjoni. il-Kwartieri Ġenerali kkummentaw fil-qasir dwar l-ewwel rapport, bl-lista ta' l-informazzjoni nieqsa. It-tieni rapport jimxi fuq il-mudell b'reqqa, iżda mhux komplut, mingħajr informazzjoni dwar ir-rwol tal-parlament u tas-sostenn istituzzjonali provdut mill-kontribwenti, kif ukoll ir-rapport ta' ġestjoni dwar il-monitoraġġ tar-riforma ta' finanzi pubbliċi. B'mod ġenerali l-informazzjoni hija preċiża u timmarka nuqqasijiet persistenti b'mod ċar, għalkemm hija tagħti lok għal ċerta mistoqsijiet dwar segwitu. Per eżempju:*

*a) parti I. B. 3 tar-rapport dwar monitoraġġ jgħid li riżorsi umani huma fil-qalba tan-nuqqasijiet fil-ġestjoni ta' finanzi pubbliċi;*

*b) parti I. B. 5 tirrimarka li kien hemm ukoll koordinazzjoni insuffiċjenti bejn il-kontribwenti.*

*Ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' l-azzjoni meħuda jew li trid tittieħed sabiex jiġu rrimedjati dawn is-sitwazzjonijiet.*

*5. Fil-każ taż-Żambja il-ftehim dwar finanzjament kien iffirmat f'Ġunju 2004, allura ma kienx għad hemm rapport ta' monitoraġġ.*

*[1] Responsabbiltà Finanzjarja ta' Ġestjoni ta' Nefqa Pubblika.*

*Markaturi ta' eżekuzzjoni joffru inċentiv wisq żgħir*

48. Il-markaturi ta' eżekuzzjoni huma negozjati mal-gvern (ko-firmatarju għall-fethim ta' finanzjament), u ġeneralment ikkordinati mal-kontribwenti l-oħra. In-natura u n-numru ta' markaturi ta' ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, u konsegwentement il-konvenjenza tagħhom għall-inkoraġġiment tal-progress tarriformi, ivarja enormement minn pajjiż għall-ieħor.

49. Il-markaturi għall-allokazzjoni tal-baġit jew livelli ta' implimentazzjoni, li, meta ristretti għal settur partikolari, jixbħu aktar markaturi ta' dħul settorali, huma relattivament faċli biex jitkejjlu iżda mhux l-aktar metodu effettiv sabiex jinkoraġġixxu pajjiżi ACP sabiex itejjbu l-affidabilità tal-ġestjoni, it-trasparenza u l-effettività. Il-markaturi użati fl-Etjopja, Mozambijk u Żambja huma kemmxejn dgħajfa f'dan ir-rispett. Min-naħa l-oħra, il-markaturi fin-Nigerja u ċ-Ċad ([1]) joffru aktar inċentiv (ara *Kaxxa 5*).

**Kaxxa 5 — Markaturi dwar l-esekuzzjoni tal-ġestjoni ta' finanzi pubbliċi inklużi fil-ftehim ta' finanzjament għall-ħames pajjiżi miżjura**

*1. L-Etjopja għandha tliet markaturi ta' finanzi pubbliċi li jiffukaw fuq l-iskeda finanzjarja, progress tal-"Government Information System Strategy ([1])" (GISS), u l-livell ta' l-allokazzjoni tal-baġit għas-setturi tas-saħħa u l-edukazzjoni. Huma, in fatti, imnissla mill-"Poverty Reduction Strategy Paper ([2])" (PRSP) u huma maqsuma mal-kontribwenti l-oħra.*

*2. Il-Mozambijk għandu tmien markaturi ta' finanzi pubbliċi, tnejn minnhom jiffukaw fuq dixxiplina tal-baġit (l-għan tagħhom hija li jivverifikaw li n-nefqa kurrenti ma teċċedix l-ammonti speċifikati fil-baġit) u sitta fuq il-livell ta' implimentazzjoni tan-nefqa kurrenti fis-setturi ta' prijorita'. Il-markaturi ma humiex imnissla mill-Plano de Acção para a Reducção da Pobreza Absoluta (PARPA) ([3]) u lanqas mill-arranġament komuni tal-kontribwenti, il-"Performance Assessment Framework ([4])" (PAF).*

*3. In-Niġerja għandha seba' markaturi ta' finanzi pubbliċi li jiffukaw fuq: ir-rata ta' rkupru għall-"patente synthétique" (sors ta' dħul bbażat fuq is-settur informali. Ir-rata ta' rkupru hija kunsidrata bħala baxxa b'mod anormali); rata ta' tiċħid għal talbiet ta' impenn; żmien meħud għal istruzzjonijiet ta' ħlas; livell ta' arretrati; rata ta' approvazzjoni għal approprjazzjonijiet delegati; rata ta' implimentazzjoni għat-trasferiment lill-Caisse Autonome du Fonds d'Entretien Routier (CAFER); allokazzjoni għal fondi CAFER. Uħud minn dawn jitnisslu mill-Programme Pluriannuel d'Appui à la Réduction de la Pauvreté (PPARP) u l-oħrajn kienu miftiehma malgvern bħala riżultat ta' nuqqasijiet reġistrati matul il-verifika talprogramm ta' aġġustament strutturali fl-2001. Il-kontribwenti l-oħra ma jużawx markaturi, iżda l-approprjazzjonijiet huma soġġetti għal kundizzjonijiet speċjali.*

*4. Iċ-Ċad għandu 20 markaturi ta' finanzi pubbliċi: sitta minnhom huma kundizzjonijiet minn qabel li jaħdmu bħala markaturi u jiffukaw fuq dokumenti li l-gvern kellu jippreżenta jew japprova; sebgħa jirrelataw mar-rati ta' implimentazzjoni tal-baġit (impenn/allokazzjoni jew ħlasijiet/impenni); wieħed għall-arretrati; tnejn għal xogħol bl-appalt (metodi ta' kuntrattazzjoni u żmien); tnejn għall-andament fil-preparazzjoni ta' sejħiet għall-offerti u kuntratti; tnejn għar-rati tal-kunsinna ta' oġġetti prinċipali ta' tagħmir lil strutturi benefiċjarji. Huma mhux mibgħuta mill-PRSP (Dokument ta' Strateġija għal Tnaqqis tal-Povertà), minħabba li wieħed biss mit-80 markaturi li hija tipproponi huwa rilevanti għall-ġestjoni ta' finanzi pubbliċi.*

*5. Iż-Żambja għandha 12-il markaturi ta' finanzi pubbliċi. Huma jiffukaw fuq l-abbozzar tal-baġit (allokazzjonijiet mill-baġit konsistenti mal-programmi u l-politika stabbiliti, b'attenzjoni partikolari għas-setturi soċjali ta' l-edukazzjoni u saħħa, Awditur Ġenerali u programmi ta' tnaqqis tal-povertà) u l-implimentazzjoni attwali tal-baġit (fondi huma mibgħuta skond l-allokazzjoni mill-baġit u marbuta ma' rikonċiljazzjonijiet ta' nefqa tal-bank).*

([1]) *Strateġija ta' Sistema ta' Informazzjoni tal-Gvern.*
([2]) *Dokument ta' Strateġija għal Tnaqqis tal-Povertà.*
([3]) *Pjan ta' azzjoni għat-tnaqqis ta' povertà.*
([4]) *Qafas ta' Valutazzjoni ta' Esekuzzjoni.*

50. Dwar suġġett ieħor, il-ftehim ta' finanzjament mhux dejjem jagħtu informazzjoni ta' kwalità sodisfaċenti rigward markaturi. Għandu jkun hemm b'mod sistematiku dettalji li jispjegaw il-kondizzjonijiet, definizzjoni, metodu ta' kalkolazzjoni u sorsi ta' informazzjoni għal kull markatur, kif inhu l-każ tal-ftehim ta' finanzjament man-Niġerja.

51. Sussegwentement għall-eżerċizzju tagħha dwar "kondizzjonalitajiet" fl-2005, ikun ta' għajnuna jekk il-Kummissjoni kellha tinkludi markaturi fil-Gwida rigward l-importanza relattiva li trid tiġi assenjata lill-porzjonijiet varjabbli u lill-markaturi ta' eżekuzzjoni ta' finanzi pubbliċi (ara paragrafi 4-5 f'*Anness 3*).

*Progress mhux indaqs f'pajjiżi differenti rigward kordinazzjoni ma' kontribwenti oħra*

52. Il-Gwida jirrimarka ġustament il-bżonn għall-ħidma, sa kemm huwa possibbli, b'kordinazzjoni mal-kontribwenti l-oħra.

53. Kordinazzjoni bejn il-kontribwenti teżisti, l-ewwel nett, fuq livell tal-kwartieri ġenerali u, it-tieni nett, bejn ir-rappreżentanti lokali tal-kontribwenti f'kull pajjiż ACP. Għandu jkun hemm b'mod parallel linji tajba ta' komunikazzjoni bejn dawn iż-żewġ livelli f'kull organizzazzjoni tal-kontribwenti. Fuq livell tal-Kwartieri Ġenerali, kordinazzjoni fuq aspetti rigward il-monitoraġġ ta' l-eżekuzzjoni ta' finanzi pubbliċi huwa organizzat b'mod raġjonevolment tajjeb taħt forma tas-sħubija PEFA (ara paragrafi 42-43) ([2]), f'liema l-Kummissjoni għandha rwol importanti.

([1]) Fiċ-Ċad, iż-żewġ markaturi għar-rata ta' kunsinna lill-istrutturi benefiċjarji, għalkemm utli, jipprovdu għal kontrolli bażati fuq riċevuti, li m'humiex biżżejjed. Il-mekanzija għandha tkun spezzjonata fiżikalment.

([2]) Il-Kumitat ta' Tmexxija PEFA, fuq liem il-Kummissjoni hija rappreżentata, jiltaqa' darbtejn fis-sena. Ir-riżultati tax-xogħol tal-PEFA huma miġjuba għall-attenzjoni tal-kontribwenti prinċipali l-oħra f'korpi ta' l-OECD.

54. Lokalment, il-kordinazzjoni hija ġeneralment sodisfaċenti izda mhux dejjem strutturata biżżejjed (ara *Kaxxa 6*). Hija dejjem qiegħda tevolvi minħabba li tieħu ż-żmien sabiex tibni netwerk ta' sħubija volontarja ta' kontribwenti, aktar u aktar mill-liema qed jagħtu għajnuna mill-baġit. Il-Kummissjoni tikkollabora mill-viċin ma' l-istituzzjonijiet ta' *Bretton Woods*, li jeżerċitaw influwenza konsiderevoli u għandhom aktar riżorsi sostanzjali għad-dispożizzjoni tagħhom. Mill-ħames pajjiżi miżjura, il-kordinazzjoni hija l-aktar avvanzata fil-Mozambijk, li għandu l-itwal esperjenza f'dan il-qasam (ara *Anness 4*).

**Kaxxa 6 — Kordinazzjoni bejn kontribwenti fil-ħames pajjiżi miżjura**

*1. Fl-Etjopja kordinazzjoni bejn kontribwenti taħdem tajjeb. Id-Delegazzjoni tippresiedi il-grupp informali ta' sostenn dirett mill-baġit u hija membru tal-kumitat tal-ġestjoni ta' finanzi pubbliċi li żżomm laqgħat ta' kull xahar bejn kontribwenti u l-gvern. Ix-xogħol kollu ta' valutazzjoni huwa mwettaq b'mod konġunt u l-Etjopja, bħala waħda mit-18-il pajjiżi piloti ACP PEFA, ser jeżamina l-qafas ta' valutazzjoni ta' eżekuzzjoni l-ġdid (ara paragrafu 44).*

*2. Is-sitwazzjoni fil-Mozambijk tipprovdi eżempji varji ta' prattika tajba u hija deskritta f'*Anness 4.

*3. Fin-Niġerja ma hemm l-ebda struttura formali għall-koordinazzjoni bejn kontribwenti, iżda djalogu għaddej sodisfaċenti ġie mwaqqaf bejniethom. Is-setturi varji ta' finanzi pubbliċi huma diviżi bejn il-Kummissjoni (programmar, implimentazzjoni u kontroll tal-baġit), il-Bank Dinji (xogħol bl-appalt u riforma strutturali) u l-IMF (qafas makroekonomiku u kwistjonijiet monetarji).*

*4. Fiċ-Ċad rappreżentanti tal-Kummissjoni, l-IMF, il-Bank Dinji (WB), il-Bank ta' Żvilupp Afrikan (ADB) u l-Aġenzija ta' l-Iżvilupp Franċiża (AFD) jiltaqgħu b'mod informali u jipparteċipaw f'valutazzjonijiet konġunti. Dawn il-kontribwenti għandhom perċezzjonijiet differenti ta' verifika esterna fil-pajjiż. Filwaqt li l-Kummissjoni, l-IMF u l-AFD iridu jiżviluppaw il-Kamra tal-kontabili, il-WB jistrieħ fuq korp ta' verifika ieħor, Collège de Contrôle et de Surveillance des Revenus Pétroliers (Il-Bord ta' Kontroll ta' Dħul miż-Żejt Minerali u Monitoraġġ — CCSRP), li jipprova jżomm salvagwardji dwar l-użu ta' dħul miż-żejt.*

*5. Fiż-Żambja il-kordinazzjoni taħdem tajjeb. Il-WB, id-Delegazzjoni u kontribwenti oħra nkoraġġixxu lill-gvern sabiex jiġbor ir-reviżjoni tal-PEMFA (responsabbilta' finanzjarja ta' ġestjoni ta' nefqa pubblika) u l-pjan ta' azzjoni li ser jiġi warajha. F'Diċembru 2004 programm ta' sostenn ġenerali għall-implimentazzjoni tal-pjan kien iffirmat minn 11-il sieħeb. Id-Delegazzjoni u n-Norveġja jippresiedu il-grupp ta' kontribwenti PEMFA. Barra minn hekk, id-Delegazzjoni hija membru ta' grupp informali li jeżamina il-kwalita' tan-nefqa tal-gvern. Fl-aħħar nett, Prospett ta' Ftehim kien iffirmat fl-2004 minn tmien kontribwenti u mill-gvern (Qafas għall-armonizzazzjoni fil-prattika — HIP), l-għanijiet prinċipali huma l-kordinazzjoniu l-armonizzazzjoni tal-kontribwenti, allinjament tal-kontribwenti dwar proċeduri tal-gvern u l-impenn tal-gvern għat-twettiq tar-riformi neċessarji. il-Kummissjoni għadha ma ffirmatx il-prospett.*

55. Il-Kummissjoni ma għandiex aċċess għal informazzjoni kompluta dwar l-għajnuna mill-baġit li kontribwenti oħra jallokaw u jonfqu fil-pajjiżi benefiċjarji. Din l-informazzjoni hija diffiċli li wieħed jiltaqa' magħha peress li ma hemmx definizzjoni standard ta' għajnuna mill-baġit, u minħabba n-nuqqas ta' informazzjoni mogħtija minn ċerta kontribwenti.

*Relazzjonijiet ma' parlamenti u Istituzzjonijiet Supremi ta' Verifika għandhom jiġu msaħħa*

56. Jekk ir-riformi tal-ġestjoni ta' finanzi pubbliċi għandu jkollhom suċċess, huwa importanti li l-pajjiżi jassumu pussess fil-livelli kollha, mill-uffiċjal li huwa mistenni li jsegwi proċeduri ġodda sa l-aktar livelli għolja tal-gvern. Inkella proċeduri ikunu applikati ħażin jew saħansitra evitati. Dan il-pussess jiddependi, fost affarijiet oħra, fuq il-kwalità tar-relazzjonijiet bejn il-kontribwenti ma' l-awtoritajiet nazzjonali, u fuq kollox mal-gvern, il-parlament u l-SAI.

57. Il-gvern huwa s-sieħeb tal-Kummissjoni u kofirmatarju tal-programmi ta' għajnuna mill-baġit, kif ukoll li jaġixxi fir-rwol prinċipali fit-tfassil u l-implimentazzjoni tar-riformi li huma intiżi sabiex itejjbu l-ġestjoni ta' finanzi pubbliċi.

58. Il-parlament għandu rwol importanti fil-promozzjoni ta' dawk ir-riformi, speċjalment fejn huma jirrigwardaw programmazzjoni tal-baġit u segwitu tar-rapport ta' verifika ta' l-SAIs. Huwa ta' importanza fundamentali li jiġi assigurat kemm jista' jkun li fit-twettiq ta' dawn il-funzjonijiet il-parlament qed jaġixxi fl-interess tal-pajjiż u mhux gwidat esklussivament minn pressjoni mill-kontribwenti. Skond il-Kummissjoni, il-progress l-aktar sinifikanti huwa milħuq fil-pajjiżi fejn il-parlamenti huma l-aktar attivi.

59. L-SAI huwa l-awditur estern responsabbli għall-valutazzjoni ta' l-implimentazzjoni tal-baġit u l-kredibilità tal-kontijiet annwali. Għalkemm f'ħafna mill-pajjiżi ACP ser jgħaddu snin qabel ma l-SAI ikun f'pożizzjoni sabiex jerfgħa r-responsabbilitajiet tiegħu b'mod komplut, ir-riżultati tax-xogħol ta' l-SAIs għandu jkun sistematikament inkluż ([1]) fl-informazzjoni li hija disponibbli għall-kontribwenti, iżda mingħajr il-kreazzjoni ta' rabta eċċessiva bejn dawk ir-riżultati u l-ammont ta' għajnuna riċevuta.

60. Id-djalogu mal-gvernijiet huwa normalment formali u sodisfaċenti ([2]). L-involviment tal-parlament u d-djalogu ma' l-SAIs (ara *Kaxxa 7*), min-naħa l-oħra, huma ħafna drabi insuffiċenti, minħabba n-nuqqasijiet istituzzjonali ta' dawn il-korpi u n-nuqqasijiet tal-pożizzjoni tagħhom fir-rigward tal-gvern u l-kontribwenti.

([1]) L-SAIs ta' uħud mill-pajjiżi kontribwenti jiltaqgħu regolarment fil-kuntest ta' korp ta' kordinazzjoni magħruf bħala HOAP (Armonizzazzjoni ta' Prattika ta' Verifika Barranija). L-għan huwa sabiex jiġi żviluppat approċċ kordinat bbażat fuq ix-xogħol ta' l-SAIs tal-Pajjiżi benefiċjarji u, bil-ftehim tagħhom, sabiex jiġi verifikat l-użu ta' għajnuna mill-baġit maħruġa mill-gvernijiet rispettivi (kontribwenti) tagħhom.

([2]) Il-proposti u l-ftehim dwar finanzjar jipprovdu formalment għal djalogu mal-gvern.

**Kaxxa 7 — Eżempji ta' djalogu insuffiċjenti ma' l-Istituzzjonijiet Supremi Nazzjonali ta' Verifika**

*1. Fl-Etjopja l-kontribwenti ma għamlux użu tar-rapporti ta' l-Awditur Ġenerali (u rapporti minn awdituri interni), li kienu bl-Amharic. B'riżultat taż-żjara ta' verifika tal-Qorti traduzzjonijiet kellhom jiġu mħejjija, sabiex ir-rapporti jkunu jistgħu jiġu użati, u l-awditur ġenerali kellu jingħaqad mal-kumitat ta' ġestjoni tal-finanzi pubbliċi li jinkludi rappreżentanti tal-kontribwenti u tal-gvern.*

*2. Fil-Mozambijk, djalogu mat-Tribunal administratif (TA — Tribunal Amministrattiv) huwa diffiċli. It-TA ma kkunsidrax lilu nnifsu marbut bl-azzjoni fl-arranġament tal-"Performance Assessment Framework ([1])" (PAF) li jimmira lejn li jneħħi il-funzjoni tiegħu ta' kontroll ex ante. Il-kontribwenti nnegozjaw l-arranġament mal-gvern u t-TA isostni li tista' u għandha tapplika biss leġislazzjoni nazzjonali.*

*([1]) Qafas ta' Valutazzjoni ta' Esekuzzjoni.*

61. Il-Kummissjoni, b'kordinazzjoni mal-kontribwenti l-oħra, għandha tkompli tiżviluppa metodoloġija sabiex tipprovdi lill-SAIs b'sostenn istituzzjonali xieraq ([1]), u sabiex twaqqaf sostenn simili għal kumitati parlamentari dwar kontroll finanzjarju u ta' baġit.

62. Il-gvern, li huwa soġġett għal verifika mill-parlament u l-SAI, mhux neċessarjament l-aħjar sabiex jiddiskuti miżuri sabiex isaħħaħ il-poteri tagħhom. Huwa għaldaqshekk importanti ħafna, fil-kuntest ta' negozjati mal-gvern ta' pajjiż, dwar kif il-Kummissjoni tista' tersaq aktar viċin lejn dawn iż-żewġ istituzzjonijiet.

*Nuqqas ta' riżorsi umani fil-Kummissjoni*

63. Iż-żjarat ta' verifika urew li r-riżorsi umani mqabbda sabiex jimmonitoraw riformi ta' finanzi pubbliċi kienu xi drabi insuffiċjenti.

64. Il-persunal involut huma fil-parti l-kbira kollha ekonomisti (dan jgħodd ukoll għal rappreżentanti lokali ta' kontribwenti oħra). Sakem din l-ispeċjalizzazzjoni hija relevanti, xi diversifikazzjoni għandha tkun ta' għajnuna fejn diversi membri ta' Delegazzjoni huma assenjati għal għajnuna mill-baġit.

([1]) F'Diċembru 2004, il-persunal tal-Qorti ħa sehem f'seminar organizzat mill-Kummissjoni fuq it-tema ta' l-iżvilupp tal-kapaċitajiet ta' Istituzzjonijiet Supremi tal-Verifika.

65. Ir-riżorsi disponibbli għas-servizzi ċentrali huma meqjusa inadegwati mill-Kapijiet ta' l-Unità konċernata. Il-Qorti tikkunsidra li tibdil huwa ġustifikat f'dan il-qasam bil-ħsieb ta' l-ammonti involuti u l-importanza ta' l-attività, u li s-sitwazzjoni tista' tkun imtejjba bit-tqassim tajjeb ta' l-użu tar-riżorsi disponibbli ([2]).

66. Ma' dan, ċerta kompiti, bħall-analiżi ta' proposti dwar finanzjar u r-rapporti ta' monitoraġġ tad-Delegazzjonijiet, għandhom ikunu sistematizzati permezz ta' l-użu ta' listi ta' kontrolli ([3]). Dawn għandhom jippermettu li jiġi assigurat li x-xogħol imwettaq huwa kemm komprensiv u omoġenu u li jiffaċilita reviżjonijiet ta' attività.

67. Il-Kummissjoni għandha tkompli bl-isforzi tagħha rigward it-titijib fil-formazzjoni ta' l-aġenti tagħha fis-suġġett ta' finanzi pubbliċi ([4]).

68. Fl-aħħarnett, il-ġabra ta' esperjenza u l-identifikazzjoni u t-tqassim ta' l-aħjar prattika, li ġiet organizzata bejn Delegazzjonijiet Afrikani tal-Punent, għandhom jiġu estiżi għal reġjuni oħra.

**Sitwazzjoni fuq il-post: progress fuq riformi iżda l-ġestjoni mill-pajjiżi benefiċjarji għadha bagħtuta**

69. Il-verifiki fil-ħames pajjiżi ma wrewx xi differenzi sinifikanti bejn l-informazzjoni provduta mill-Kummissjoni u s-sejbiet fuq il-post (bl-eċċezzjoni tal-problema msemmija f'paragrafu 38).

([2]) Il-taqsim tal-monitoraġġ tal-ġestjoni ta' finanzi pubbliċi bejn l-Uffiċċju ta' Koperazzjoni ta' *EuropeAid* (AIDCO) u d-Direttorat Ġenerali ta' l-Iżvilupp (DEV) iwassal għal sitwazzjoni li hija 'l bogħod mill-ideali u taħdem biss minħabba r-relazzjonijiet interpersonali tajba.

([3]) Lista standard ta' punti li jridu jiġu kontrollati sabiex jiġi assigurat li dokumenti ġew analizzati sistematikament u b'mod komplut u sabiex jiġi identifikat min wettaq il-kontrolli.

([4]) Persunal tal-Qorti ħa sehem fit-tlett korsijiet prinċipali ta' taħriġ dwar għajnuna mill-baġit li l-Kummissjoni organizzat għall-persunal tagħha (żewġ korsijiet — ta' introduzzjoni u avvanzat — dwar għajnuna mill-baġit makroekonomika u wieħed dwar għajnuna settorali mill-baġit).

70. Is-sistemi tal-ġestjoni ta' finanzi pubbliċi huma milquta min-nuqqasijiet numerevoli ([1]) li huma ħafna drabi aktar aċċentwati fl-awtoritajiet ta' barra miċ-ċentru bħal muniċipalitajiet, u għajnuna mill-baġit tibqa' esposta għal riskju sinifikanti ta' użu ħażin. Iżda, ħafna riformi importanti mmirati lejn il-limitazzjoni ta' dan ir-riskju qed jiġu implimentati, u l-Pajjiżi benefiċjarji qed jagħmlu sforz li jidher lejn din id-direzzjoni. Progress ġie nnutat fis-setturi ta' programmar ta' baġit (aktar konsistenti ma' l-istrateġija ta' tnaqqis ta' povertà), l-implimetazzjoni ta' dħul ([2]) u nefqa (b'mod partikolari s-simplifikazzjoni u kompjuterizzazzjoni frekwenti ta' ċirkuwiti, ġestjoni ta' flus razzjonalizzata u regoli aktar stretti dwar xogħol bl-appalt), il-fatturazzjoni tal-kontijiet (aktar malajr) u verifika interna u esterna (ara *Kaxxa 8*).

**Kaxxa 8 — Riformi prinċipali tal-ġestjoni ta' finanzi pubbliċi li qed iseħħu fl-2004 fil-ħames pajjiżi miżjura**

*1. Fl-Etjopja il-programm ta' ġestjoni u kontroll tan-nefqa (EMCP) jinkludi tmien proġetti kurrenti li jkopru il-qafas legali finanzjarju, il-programm ta' nefqa pubblika, riforma tal-baġit (programmazzjoni u monitoraġġ), riforma tal-kontabilita', ġestjoni ta' flus, sistemi ta' informazzjoni finanzjarja, u verifika interna u esterna.*

*2. Fil-Mozambijk ir-riforma prinċipali tikkonċerna is-sistema ta' amministrazzjoni finanzjarja tal-gvern (SISTAFE). SISTAFE daħlet fis-seħħ reċentement, wara xi dewmien, u tkopri simplifikazzjoni ta' ċirkuwiti ta' dħul u nefqa, razzjonalizzazzjoni ta' kontijiet tat-Teżor, kompjuterizzazzjoni ta' nefqa, klassifikazzjoni tal-baġit, għeluq u verifika tal-kontijiet, spezzjoni ġenerali ta' finanzi, proċeduri tal-baġit u programmazzjoni ta' żmien medju. Ma' dan kien hemm riforma ta' proċeduri ta' tqassim u riforma ta' dħul fiskali u mid-dwana. Dan ta' l-aħħar jinsab bħalissa fl-istadji finali u d-dħul domestiku żdied minn 9 % għal madwar 14 % tal-prodott gross domestiku mill-1996 sa l-2004.*

*3. Klassifikazzjoni ġdida tal-baġit u tabella ġdida ta' kontijiet ġew adottati fin-Niġerja u jinsabu fl-istadju ta' implimentazzjoni. It-testi legali u amministrattivi li jiggvernaw iċ-ċiklu tal-baġit qed jiġu aġġornati u riformi rigward il-ġabra ta' dħul, xogħol bl-appalt u istituzzjoni suprema tal-verifika qiegħdin jitħejjew.*

*4. Riformi ġew mibdija fiċ-Ċad, li prinċipalment ikopru l-introduzzjoni ta' qafas ta' nefqa ta' żmien medju, leġislazzjoni finanzjarja, l-introduzzjoni ta' programmi dwar baġits, kompjuterizzazzjoni u razzjonalizzazzjoni taċ-ċirkolazzjoni ta' nefqa, xogħol bl-appalt, dħul fiskali u mid-dwana, u l-iżvilupp ta' għodda ta' ġestjoni.*

*5. Fiż-Żambja numru ta' riformi qed iseħħu rigward ir-ristrutturazzjoni tas-servizzi, is-sistema ta' ħlas tas-servizz taċ-ċivil, deċentralizzazzjoni u responsabbilta' finanzjarja ta' ġestjoni ta' nefqa pubblika (PEMFA). Dan ta' l-aħħar huwa mqassam fi 12-il parti, li jkopru iċ-ċiklu kollu tal-baġit. Ġestjoni finanzjarja diġa' ġiet kompjuterizzata u fl-2004 il-gvern introduċa baġit ibbażat fuq l-attività b'rabta mal-programmazzjoni ta' żmien medju u limiti ta' kull xahar għat-trasferiment ta' fondi.*

71. Minħabba l-iskop u l-komplessità tagħhom, dawn ir-riformi ser jieħdu ż-żmien, speċjalment peress li jkun hemm dewmien frekwenti minħabba l-poteri normalament limitati ħafna tad-dipartimenti responsabbli sabiex jimplimentawhom. Għadu kmieni wisq sabiex jiġu nnotati riżultati li jdumu sinifikanti, għalkemm s-segwitu implimentat mill-Kummissjoni partikolarment juri riżultati temporanji parzjali li huma raġonevolment pożittivi.

## Ir-reazzjonijiet tal-Kummissjoni huma xierqa

72. Kull ftehim ta' finanzjament huwa kuntratt li jorbot lill-Kummmissjoni u lill-pajjiż benefiċjarju. Il-Kummissjoni tista' tirreaġixxi għall-evoluzzjoni fil-kwalità ta' ġestjoni tal-finanzi pubbliċi ta' pajjiż benefiċjarju f'wieħed minn erba' modi. Tista' jew tissospendi unilateralment programm, temendah bi ftehim mal-pajjiż konċernat, tieħu azzjoni matul l-implimentazzjoni tal-programm u tinfluwenza t-tfassil ta' programm sussegwenti. Ir-reazzjonijiet tal-Kummissjoni huma xierqa u konsistenti ma' l-approċċ dinamiku tagħha (ara paragrafu 28). Per eżempju, il-Kummissjoni waqqfet il-ħlas liċ-Ċad ta' l-ewwel porzjon (fiss) ta' 20 miljun euro wara l-interruzzjoni tal-programm ta' l-IMF ([3]).

73. Fejn il-ħlas ta' porzjon varjabbli huwa taħt il-massimu speċifikat, il-bilanċ jibqa' assenjat lill-pajjiż benefiċjarju. Dan inaqqas l-effett ta' inċentiv ta' porzjonijiet varjabbli. Għandu jkun aktar effettiv li jiġi deċiż li kwalunkwe bilanċ huwa mitluf mill-pajjiż.

([1]) Barra min-nuqqas ġenerali rigward il-kapaċità tad-dipartimenti tal-gvern fil-pajjiżi benefiċjarji, nuqqasijiet ħafna drabi jolqtu, per eżempju, xogħol bl-appalt, segwitu ta' xiri (l-ebda verifika ta' materjali jew inventarju), ġestjoni ta' flus, verifika, għodda ta' ġestjoni u proċeduri u riżorsi ta' korpi ta' verifika interni u esterni.

([2]) Fil-prattika, riformi tal-gvern ħafna drabi jieħdu in konsiderazzjoni ta' dħul domestiku, iżda dan mhux enfasizzat b'mod adegwat fil-Gwida tal-Kummissjoni (ara paragrafu 24).

([3]) In-negozzjazzjonijiet lejn it-tmiem ta' l-2003 bejn l-IMF u l-gvern dwar is-sitt reviżjoni tal-programm finanzjat mill-Faċilità għal Tnaqqis ta' Povertà u Tkabbir (PRGF) naqqsu milli jwasslu għal ftehim. Minħabba li l-programm PRGF skada fis-6 ta' Jannar 2004 u ma kienx estiż, iċ-Ċad ma baqax awtomatikament eliġibbli għal għajnuna mill-baġit taħt l-Artikolu 67(4) tal-Ftehim ta' Cotonou.

74. Minħabba li r-riforma tal-ġestjoni ta' finanzi pubbliċi hijaa proċess ta' bejn żmien medju u fit-tul, kull tiġdid ta' programm għandu jittieħed bħala opportunità għall-aġġustament il-"kundizzjonalitajiet" ta' għajnuna mill-baġit (kundizzjonijiet minn qabel, markaturi u importanza ta' porzjonijiet varjabbli) sabiex jirrifletti l-progress milħuq u prijoritajiet ġodda. Għadu kmieni wisq sabiex jiġu nnotati liema reazzjonijiet ser ikun hemm f'dan l-istadju fil-ħames pajjiżi miżjura.

## KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET

### *Konklużjonijiet*

75. Il-verifiki tal-Qorti provdew tweġibiet għall-mistoqsijiet imqajjma f'paragrafu 19.

76. Il-Kummissjoni ddefiniet **qafas metodoloġiku** sabiex jippermettilha li teżamina s-sitwazzjoni inizjali u żvilupp sussegwenti tal-ġestjoni ta' finanzi pubbliċi tal-pajjiżi benefiċjarji (ara paragrafi 23 u 41). Iżda, dan il-qafas mhux komplut (ara paragrafi 24 u 26) u nieqes mill-preċiżjoni (ara paragrafu 25). Huwa ma jagħtix garanzija li programmi ta' għajnuna huma ta' rabta loġika (ara paragrafu 30). Il-Gwida ma hux aġġornat (ara paragrafu 27). L-istruzzjonijiet rigward rapporti ta' monitoraġġ huma ikompluti ukoll, għalkemm il-Kummissjoni diġa' introduċiet titjib sinifikanti (ara paragrafu 42).

77. Matul l-istadju inizjali, dan il-qafas metodoloġiku kien **implimentat** b'mod raġjonevolement sodisfaċenti, minkejja l-attenzjoni inadegwata li ngħatat għall-korruzzjoni, in-nuqqas ta' rakkomandazzjonijiet mill-Kapijiet tad-Delegazzjoni u, f'xi okkażjonijiet, in-nuqqas ta' qafas ġenerali ta' sostenn istituzzjonali (ara paragrafi 31-37). Il-kwistjonijiet huma inqas sodisfaċenti matul is-segwitu, fejn ir-rapporti tad-Delegazzjonijiet huma wisq statiċi u inkompluti u l-markaturi ta' eżekuzzjoni joffru inċentiv żgħir wisq (ara paragrafi 47-51).

78. Dawn il-proċessi huma kumplessi u inkonvenjenti sabiex jiġu implimentati, minħabba li huma japplikaw għal Pajjiżi sovrani għal liema l-pussess tar-riformi huwa kriterju għas-suċċess għal liema l-Kummissjoni tista' tagħfas iżda fuq liema ma għandha l-ebda kontroll.

79. Bl-istess mod, il-Kummissjoni ma għandha l-ebda kontroll fuq kordinazzjoni bejn kontribwenti, għalkemm għandha rwol importanti fuq livell ta' kwartieri ġenerali, prinċipalment mal-Bank Dinji, fil-Kuntest tal-PEFA (ara paragrafu 43). Madanakollu, il-kordinazzjoni fil-pajiżi ACP tibqa' l-aktar waħda diffiċli, li tista' tolqot b'mod partikolari l-implimentazzjoni tal-Qafas ta' Valutazzjoni tal-PEFA f'dawn il-pajjiżi.

80. L-informazzjoni fuq liema d-deċiżjonijiet dwar finanzjament kienu bbażati — u, sussegwentement, l-informazzjoni fid-dokumenti ta' segwitu — **jagħtu stampa ċara tas-sitwazzjoni**. Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni tkun normalment infurmata tajjeb dwar in-nuqqasijiet li jolqtu s-sistemi ta' ġestjoni ta' finanzi pubbliċi (ara paragrafi 38 u 69-71).

81. Id-**deċiżjonijiet** ta' finanzjament tal-Kummissjoni, u r-**reazzjonijiet** tagħha fin-nofs tal-programm, huma xierqa fid-dawl ta' l-interpretazzjoni dinamika tagħha ta' l-Artikolu 61(2) tal-Ftehim ta' Cotonou (ara paragrafu 28). Iżda, minħabba li dan iżid il-livell ta' riskju, għall-anqas f'perijodu qasir, huwa ta' importanza doppja għall-Kummissjoni li timmonitorizza s-sitwazzjoni rigorożament.

82. Sa dan it-tant, id-**deċiżjonijiet** tal-Kummissjoni huma argumentati b'mod insuffiċjenti (ara paragrafu 39). Il-proposti u l-ftehim dwar finanzjament ma jagħmlux ċar b'mod suffiċjenti kif in-nuqqasijiet misjuba fil-ġestjoni ta' finanzi pubbliċi, programmi ta' riforma tal-gvern, is-sotenn istituzzjonali mistenni għall-implimentazzjoni ta' dawk ir-riformi u l-għodda ta' segwitu — inkluż kundizzjonijiet minn qabel u markaturi ta' eżekuzzjoni — huma relatati bejniethom infushom (ara paragrafu 30). Dan in-nuqqas ta' koeżjoni u perspettiva, u preżentazzjoni li mhix strutturata u ta' kwalitajiet differenti wisq, ma jippermettux lill-Kumitat ta' l-EDF sabiex ikollu assigurazzjoni li kunsiderazzjoni qed tingħata lin-nuqqasijiet kollha (ara paragrafi 32-33).

83. Ir-riformi li jakkumpanjaw għajnuna diretta mill-baġit mhux allokata għandhom bżonn ta' ħafna żmien. Għadu kmieni wisq sabiex jidhru xi riżultati sinifikanti li jdumu, għalkemm is-segwitu implimentat mill-Kummissjoni juri b'mod partikolarment raġonevoli riżultati parzjalment-temporanji pożittivi (ara paragrafi 69-71). Ir-riskji għal liema għajnuna mill-baġit hija esposta (ara paragrafu 12), li jinkwietaw lill-Parlament u l-Kunsill (ara paragrafu 2), għaldaqshekk ikomplu japplikaw fil-maġġoranza tagħhom. Ir-rakkomandazzjonijiet li jsegwu għandhom jippermettu t-titjib tal-ġestjoni ta' dawk ir-riskji.

### *Rakkomandazzjonijiet*

84. Il-Kummissjoni għandha taġġorna l-Gwida Metodoloġika tagħha għall-ipprogrammar u l-implimentazzjoni ta' sostenn mill-baġit għal pajjiżi terzi bl-inkorporazzjoni tiegħu fl-istruzzjonijiet rilevanti maħruġa sa minn Marzu 2002 (ara paragrafu 27), sabiex jiġi assigurat li f'kull programm ta' għajnuna hemm koeżjoni bejn in-nuqqasijiet reġistrati, ir-riformi li għandhom jirriformawhom, sostenn istituzzjonali u għodda ta' segwitu (ara paragrafu 30). Ma' dan, aktar attenzjoni għandha tingħata lil kwistjonijiet rigward dħul domestiku — inkluż d-dħul mill-ażjendi pubbliċi (ara paragrafu 24) — u korruzzjoni (ara paragrafu 34). Il-Gwida għandu jinkludi ukoll titjib rigward ir-rapporti ta' monitoraġġ tad-Delegazzjonijiet (ara paragrafu 42).

85. Il-Kummissjoni għandha turi f'mod aktar strutturat u formalizzat, billi tagħti r-raġunijiet li jwasslu għall-konklużjoni li d-direzzjoni li qed tittieħed minn pajjiż benefiċjarju hija sodisaċenti, li hemm qbil ma' l-Artikolu 61(2) tal-Ftehim ta' Cotonou, waqt li konsiderazzjoni tittieħed tan-nuqqasijiet fil-ġestjoni ta' finanzi pubbliċi murija mill-valutazzjoni inizjali (ara paragrafu 39-40).

86. Il-Kummissjoni għandha tagħmel użu minn markaturi ta' eżekuzzjoni li ġenwinament jinkoraġġixxu pajjiżi benefiċjarji sabiex ikomplu bir-riformi tagħhom u li jiffukaw b'aktar reqqa fuq ir-riżultati li jirriflettu titjib fil-ġestjoni (ara paragrafu 49).

87. Il-Kummissjoni għandha tagħmel dak kollu li tista' sabiex tara t-twaqqif tal-qafas tal-valutazzjoni ta' eżekuzzjoni tal-ġestjoni ta' finanzi pubbliċi le qed jiġi żviluppat fi ħdan il-qafas tal-PEFA (ara paragrafu 43). Dan il-proġett maġġuri ta' kordinazzjoni bejn kontribwenti għandu jiġi mtejjeb billi tittieħed konsiderazzjoni tar-riżultati li ser jiġu milħuqa mill-istadju ta' eżaminazzjoni u s-suġġermienti tal-Qorti (ara paragrafu 7 f'*Anness 2*), speċjalment il-proposta rigward it-testijiet ta' kontrolli. Huwa kruċjali li kontribwenti, speċjalment dawk li jagħmlu parti mill-isħubija, jadottaw u jimplimentaw il-Qafas fil-futur qarib.

88. Kordinazzjoni bejn ir-rappreżentanti lokali tal-kontribwenti għandhom jiġu msaħħa fir-rigward il-produzzjoni ta' valutazzjonijiet, valutazzjonijiet u verifiki, l-implimentazzjoni ta' sostenn istituzzjonali u l-użu ta' kundizzjonijiet u markaturi ta' eżekuzzjoni, dan bi ftehim illi kull kontribwent iżomm diskrezzjoni totali dwar il-ħlas ta' għajnuna (ara paragrafu 54).

89. Relazzjonijiet ma' l-awtoritajiet fil-Pajjiżi benefiċjarji għandhom ikunu strutturati sistematikament u meħudha lil hinn mill-livell tal-gvern sabiex jinkludu parlamenti u Istituzzjonijiet Supremi tal-Verifika, il-poteri ta' liema għandhom jiġu msaħħa sabiex jippermettilhom li jagħmlu r-riformi li jirrigwardaw lilhom infushom u sabiex jivverifikaw li dawk li jaqgħu taħt il-fergħa eżekuttiva. Huwa għaldaqshekk vitali, fil-kuntest tan-negozzjazzjonijiet mal-gvern ta' pajjiż, jiġi eżaminat kif il-Kummissjoni tista' tersaq aktar mill-qrib lejn il-parlamenti u l-SAIs (ara paragrafi 56-62).

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħat tagħha tad-29 u t-30 ta' Ġunju 2005.

*Għall-Qorti ta' l-Awdituri*
Hubert WEBER
*President*

*ANNESS 1*

## SITT TABELLLI LI JURU L-IMPORTANZA TA' GĦAJNUNA MILL-BAĠIT

*Tabella A*

### Importanza relattiva ta' għajnuna mill-baġit ([1]) f'għajnuna mill-EDF (impenji u ħlasijiet), 1999-2004

*(miljun euro)*

| | Sena | Għajnuna totali mill-baġit ([2]) | Għajnuna totali mill-EDF | **Għajnuna mill-baġit bħala proporzjoni ta' għajnuna mill-EDF** |
|---|---|---|---|---|
| | | A | B | **Ċ = (A / B)** |
| Impenji | 1999 | 276,93 | 2 693,00 | **10,28 %** |
| | 2000 | 1 350,20 | 3 757,41 | **35,93 %** |
| | 2001 | 386,50 | 1 554,16 | **24,87 %** |
| | 2002 | 595,60 | 1 768,39 | **33,68 %** |
| | 2003 | 972,80 | 3 395,83 | **28,65 %** |
| | 2004 | 469,40 | 2 375,15 | **19,76 %** |
| Ħlasijiet | 1999 | 206,48 | 1 275,00 | **16,19 %** |
| | 2000 | 587,62 | 1 548,16 | **37,96 %** |
| | 2001 | 672,90 | 2 067,86 | **32,54 %** |
| | 2002 | 570,21 | 1 852,72 | **30,78 %** |
| | 2003 | 615,20 | 2 179,47 | **28,23 %** |
| | 2004 | 724,42 | 2 197,84 | **32,96 %** |

([1]) Taħt forma ta' aġġustament strutturali qabel mal-Ftehim ta' Cotonou daħal fis-seħħ.

([2]) Jinkludi inizjattiva minn pajjiżi fqar imdejnin ħafna (HIPC).

*Sors:* Figuri tal-Kummissjoni.

*Tabella B*

### Importanza relattiva ta' għajnuna diretta mill-baġit mhux allokata għall-2003 u l-2004

*(miljun euro)*

| | 2003 | | 2004 | |
|---|---|---|---|---|
| | Impenji | Ħlasijiet ([1]) | Impenji | Ħlasijiet ([1]) |
| A) Għajnuna diretta mill-baġit mhux allokata | 666,80 | 358,11 | 425,80 | 461,90 |
| B) Għajnuna diretta mill-baġit allokata | 106,00 | 40,10 | 0,00 | 136,00 |
| Ċ) Għajnuna mill-baġit indiretta | 0,00 | 8,02 | 43,60 | 26,52 |
| **D) Għajnuna totali mill-baġit b'esklużjoni ta' l-Inizjattiva HIPC (A + B + Ċ)** | **772,80** | **406,23** | **469,40** | **624,42** |
| E) Inizjattiva HIPC ([2]) | 200,00 | 208,97 | 0,00 | 100,00 |
| **F) Għajnuna totali mill-baġit ta' l-EDF (D + E)** | **972,80** | **615,20** | **469,40** | **724,42** |
| **Ġ) Għajnuna mill-EDF totali** | **3 395,83** | **2 179,47** | **2 375,15** | **2 197,84** |
| Għajnuna diretta mill-baġit mhux allokata bħala proporzjon ta' l-għajnuna mill-baġit ta' l-EDF totali (A / F) | 68,54 % | 58,21 % | 90,71 % | 63,76 % |
| Għajnuna diretta mill-baġit mhux allokata bħala proporzjon ta' l-għajnuna mill-EDF totali (A / Ġ) | 19,64 % | 16,43 % | 17,93 % | 21,02 % |

([1]) Ħlasijiet huma reġistrati għall-impenji għas-sena jew għall-impenji pendenti mis-snin finanzjarji ta' qabel.

([2]) L-Inizjattiva (Pajjiż Fqir Imdejjen Ħafna) HIPC tipprova tnaqqas id-dejn estern tal-pajjiżi konċernati. Hija għandha impatt simili ta' għajnuna mill-baġit iżda ma hix soġġetta għall-istess arranġamenti ta' verifika. L-impenji u ħlasijiet huma reġistrati fil-kontijiet ta' l-EDF mill-EDF meta jsiru lill-Bank ta' l-Investimenti Ewropew (EIB) u lill-Bank Dinji (WB).

*Sors:* Informazzjoni mill-Kummissjoni.

*Tabella Ċ*

**Għajnuna totali mill-baġit ta' l-EDF (impenji u ħlasijiet) skond il-pajjiż, 2003 u 2004 (b'esklużjoni ta' l-HIPC)**

*(miljun euro)*

| Pajjiż | 2003 | | 2004 | |
|---|---|---|---|---|
| | Impenji | Ħlasijiet (1) | Impenji | Ħlasijiet (1) |
| Benin | 55,00 | 4,29 | 0,00 | 18,20 |
| Burkina Faso | 0,00 | 37,80 | 0,00 | 37,57 |
| Burundi | 0,00 | 8,02 | 43,60 | 26,52 |
| Kamerun | 0,00 | 8,86 | 0,00 | 0,00 |
| Kap Verde | 0,00 | 9,00 | 5,80 | 5,50 |
| Dijubiti | 0,00 | 4,50 | 0,00 | 0,00 |
| Etjopja | 0,00 | 10,70 | 95,00 | 45,00 |
| Ghana | 0,00 | 25,57 | 62,00 | 27,85 |
| Gujana | 0,00 | 0,00 | 23,30 | 6,00 |
| Ġamajka | 30,00 | 0,00 | 25,00 | 36,10 |
| Kenja | 0,00 | 0,00 | 125,00 | 0,00 |
| Leżoto | 0,00 | 3,00 | 0,00 | 5,50 |
| Madagaskar | 0,00 | 34,50 | 35,00 | 20,67 |
| Mali | 132,90 | 32,92 | 0,00 | 29,60 |
| Mawritanja | 0,00 | 5,70 | 0,00 | 6,00 |
| Mozambijk (2) | 16,40 | 41,00 | 0,00 | 51,10 |
| Niġerja (2) | 90,00 | 24,25 | 0,00 | 27,25 |
| Uganda | 0,00 | 24,50 | 0,00 | 24,50 |
| Repubblika Ċentrali ta' l-Afrika | 0,00 | 0,00 | 0,00 | 11,90 |
| Rep. Dem. tal-Kongo | 106,00 | 4,60 | 0,00 | 105,70 |
| Rwanda | 50,00 | 25,04 | 0,00 | 12,50 |
| Sao Tome u Prinċipe | 0,00 | 1,00 | 0,00 | 0,00 |
| Senegal | 0,00 | 3,80 | 53,00 | 25,30 |
| Sierra Leone | 0,00 | 0,00 | 0,00 | 18,37 |
| Tanzanija | 114,00 | 68,50 | 0,00 | 31,50 |
| Ċad | 50,00 | 0,00 | 0,00 | 0,00 |
| Vanuwatu | 0,00 | 0,00 | 1,70 | 0,80 |
| Żambja (2) | 128,50 | 28,68 | 0,00 | 50,99 |
| **Total** | **772,80** | **406,23** | **469,40** | **624,42** |

(1) Ħlasijiet huma reġistrati skond l-impenji għas-sena jew l-impenji pendenti minn snin finanzjarji ta' qabel.

(2) Ħlasijiet fl-2004 jinkludu il-porzjonijiet varjabbli għall-Mozambijk (9,1 miljun EUR), għan-Niġerja (8,25 miljun EUR) u għaż-Żambja (29,5 miljun EUR).

*Sors:* Informazzjoni mill-Kummissjoni.

*Tabella D*

**Importanza relattiva ta' għajnuna mill-baġit (EDF u kontribwenti oħra) fil-baġit nazzjonali fl-2004 għall-ħames pajjiżi miżjura**

*(miljun euro)*

| Pajjiż | Baġit nazzjonali ([1]) | Għajnuna mill-baġit imħallsa mill-Kummissjoni | Għajnuna mill-baġitimħallsa mill-kontribwenti l-oħra | Għajnuna totali mħallsa mill-baġit | Għajnuna mħallsa mill-baġit bħala proporzjon tat-total |
|---|---|---|---|---|---|
| | A | B | Ċ | D = B + Ċ | D / A |
| Etjopja | 2 924,00 | 45,00 | 236,38 | 281,38 | 9,62 % |
| Mozambijk | 1 202,10 | 51,10 | 139,15 | 190,25 | 15,83 % |
| Niġerja | 621,83 | 27,25 | 44,07 | 71,32 | 11,47 % |
| Ċad | 603,28 | 0,00 | 22,00 | 22,00 | 3,65 % |
| Żambja | 1 475,66 | 50,99 | 215,00 | 265,99 | 18,03 % |

([1]) Għaċ-Ċad, l-ammonti tal-baġit jirrigwardaw is-sena 2003.

*Sors:* Informazzjoni mill-Kummissjoni.

*Tabella E*

**Proporzjoni ta' għajnuna mill-baġit relattiva għall-għajnuna totali mħallsa mill-kontribwenti prinċipali fi 15-il pajjiż Afrikan ([1]) fl-2003**

| Kontribwent | Għajnuna mill-baġit bħala proporzjon ta' l-għajnuna totali |
|---|---|
| Bank Dinji ([2]) | 48,1 % |
| Renju Unit | 34,2 % |
| Kummissjoni Ewropea | 30,7 % |
| Olanda | 27,8 % |
| Żvezja | 21,5 % |
| Żvizzera | 19,2 % |
| Bank ta' Żvilupp Afrikan | 16,5 % |
| Italja | 16,0 % |
| Irlanda | 15,2 % |
| Norveġja | 14,5 % |
| Kanada | 12,0 % |
| Danimarka | 10,1 % |
| Ġermanja | 6,4 % |
| Finlandja | 3,9 % |
| Franza | 2,3 % |
| Ġappun | 1,0 % |
| **Medjan proporzjonali** | **25,7 %** |

([1]) Il-15-il pajjiż huma: il-Benin, il-Burkina Faso, l-Etjopja, il-Ghana, il-Kenja, il-Madagaskar, il-Malawi, il-Mali, il-Mozambijk, in-Niġerja, l-Uganda, l-Irwanda, is-Senegal, is-Sierra Leone u t-Tanzanija.

([2]) Għajnuna mill-Bank Dinji hija essenzjalment taħt forma ta' self.

*Sors:* SPA — Partenariat Stratégique avec l'Afrique — Étude sur l'alignement de l'appui budgétaire et de l'appui à la balance de paiements par rapport aux Stratégies Nationales de Réduction de la Pauvreté — l-abboz finali datat 7 ta' Frar 2005.

Il-figuri fid-dokument hawn fuq huma stimi mhux preċiżi.

*Tabella F*

**Għajnuna mill-baġit maħruġa minn kontribwenti varji fl-2004 fil-ħames pajjiżi miżjura**

*(miljun euro)*

| Kontribwent | Ethjopja | | Mozambique | | Niġerja | | Chad | | Żambja | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Ammont | % | Ammont | % | Ammont | % | Ammont | % | Ammont | % |
| Kummissjoni Ewropea | 45,00 | 16,0 % | 51,10 | 26,9 % | 27,25 | 38,2 % | 0,00 | 0,0 % | 50,99 | 19,2 % |
| Bank Dinji (1) | 100,00 | 35,5 % | 49,80 | 26,2 % | 22,26 | 31,2 % | 20,00 | 90,9 % | 16,00 | 6,0 % |
| Fond Monetarju Internazzjonali (1) | 0,00 | 0,0 % | 0,00 | 0,0 % | 10,18 | 14,3 % | 0,00 | 0,0 % | 199,00 | 74,8 % |
| Bank ta' Żvilupp Afrikan | 66,67 | 23,7 % | 0,00 | 0,0 % | 4,63 | 6,5 % | 0,00 | 0,0 % | 0,00 | 0,0 % |
| Ġermanja | 6,00 | 2,1 % | 3,50 | 1,8 % | 0,00 | 0,0 % | 0,00 | 0,0 % | 0,00 | 0,0 % |
| Belġju | 0,00 | 0,0 % | 3,00 | 1,6 % | 0,00 | 0,0 % | 0,00 | 0,0 % | 0,00 | 0,0 % |
| Kanada | 0,00 | 0,0 % | 0,00 | 0,0 % | 0,00 | 0,0 % | 0,00 | 0,0 % | 0,00 | 0,0 % |
| Danimarka | 0,00 | 0,0 % | 0,00 | 0,0 % | 0,00 | 0,0 % | 0,00 | 0,0 % | 0,00 | 0,0 % |
| Finlandja | 0,00 | 0,0 % | 4,00 | 2,1 % | 0,00 | 0,0 % | 0,00 | 0,0 % | 0,00 | 0,0 % |
| Franza | 0,00 | 0,0 % | 3,00 | 1,6 % | 7,00 | 9,8 % | 2,00 | 9,1 % | 0,00 | 0,0 % |
| Irlanda | 6,80 | 2,4 % | 6,00 | 3,2 % | 0,00 | 0,0 % | 0,00 | 0,0 % | 0,00 | 0,0 % |
| Italja | 0,00 | 0,0 % | 3,20 | 1,7 % | 0,00 | 0,0 % | 0,00 | 0,0 % | 0,00 | 0,0 % |
| Ġappun | 0,00 | 0,0 % | 0,00 | 0,0 % | 0,00 | 0,0 % | 0,00 | 0,0 % | 0,00 | 0,0 % |
| Norveġja | 0,00 | 0,0 % | 7,18 | 3,8 % | 0,00 | 0,0 % | 0,00 | 0,0 % | 0,00 | 0,0 % |
| Olanda | 0,00 | 0,0 % | 18,00 | 9,5 % | 0,00 | 0,0 % | 0,00 | 0,0 % | 0,00 | 0,0 % |
| Portugall | 0,00 | 0,0 % | 1,53 | 0,8 % | 0,00 | 0,0 % | 0,00 | 0,0 % | 0,00 | 0,0 % |
| Renju Unit | 45,00 | 16,0 % | 22,44 | 11,8 % | 0,00 | 0,0 % | 0,00 | 0,0 % | 0,00 | 0,0 % |
| Żvezja | 11,91 | 4,2 % | 11,00 | 5,8 % | 0,00 | 0,0 % | 0,00 | 0,0 % | 0,00 | 0,0 % |
| Żvizzera | 0,00 | 0,0 % | 6,50 | 3,4 % | 0,00 | 0,0 % | 0,00 | 0,0 % | 0,00 | 0,0 % |
| **Total** | **281,38** | **100,0 %** | **190,25** | **100,0 %** | **71,32** | **100,0 %** | **22,00** | **100,0 %** | **265,99** | **100,0 %** |

(1) Self bħala għajnuna.

*Sors:* Informazzjoni mill-Kummissjoni.

*ANNESS 2*

## L-ABBOZZ TAL-QAFAS TAL-VALUTAZZJONI TA' EŻEKUZZJONI TAL-ĠESTJONI TA' FINANZI PUBBLIĊI L-ĠDID

1. Ir-rapporti ta' monitoraġġ tad-Delegazzjonijiet jistrieħu fuq dijanjostiċi u valutazzjonijiet eżistenti. L-għodda prinċipali użati tradizzjonalment sabiex ikejjlu l-kwalità ta' finanzi pubbliċi, li f'ħafna każijiet kienu żviluppati mill-Fond Monetarju Internazzjonali u mill-Bank Dinji, huma l-"*Country Financial Accountability Assessment* (1)" (CFAA), il-"*Public Expenditure Review* (2)" (PER), ir-"*Report on the Observance of Standards and Codes* (3)" (ROSC), il-"*Country Procurement Analytical Review* (4)" (CPAR), il-"*Highly Indepted Poor Country* Assessment and Action Plan (5)" (HIPC AAP), il-"*Fiduciary Risk Assessment* (6)" (FRA), u l-"*Public Expenditure Tracking Survey* (7)"(PETS). F'ċerta pajjiżi, bħall-Etjopja, kontribwenti żviluppaw għodda ta' sostituzzjoni lokalment.

2. Fi ħdan din il-varjeta' ta' valutazzjonijiet, li ma kienux faċli li jiġu implimentati u xi drabi diffiċli sabiex isir użu minnhom, razzjonalizzazzjoni, taħt forma ta' rapport waħdieni, saret neċessarja. Din l-għodda l-ġdida hija intiża bħala sostituzzjoni għal dawk eżistenti, mhux bħala supplement, u hija mmirata li tiġi użata mill-kontribwenti kollha u applikabbli għall-pajjiżi kollha (mhux il-pajjiżi ACP biss). Hija għandha tipprovdi idea suffiċjentement komprensiva tal-ġestjoni ta' finanzi pubbliċi ta' pajjiż, u tkopri fost affarijiet oħra ir-riskji maġġuri kollha assoċjati mal-programmazzjoni u l-eżekuzzjoni tal-baġit, il-preżentazzjoni tal-kontijiet u l-verifika interna u esterna.

3. Kien għal din ir-raġuni li, fl-2004, il-PEFA (Responsabbiltà Finanzjarja ta' Nefqa Pubblika) (8) beda xogħol fuq qafas tal-valutazzjoni ta' eżekuzzjoni tal-ġestjoni ta' finanzi pubbliċi ġdid ("il-qafas ta' valutazzjoni"). Il-qalba ta' din l-għodda huwa sett ta' 28 markatur li jimmiraw li jivvalutaw l-adegwatezza u l-eżekuzzjoni tal-proċeduri tal-ġestjoni ta' finanzi pubbliċi, sistemi u istituzzjonijiet (ara *Tabella Ġ*).

*Tabella Ġ*

**Sett ta' markaturi ta' esekuzzjoni tal-ġestjoni ta' finanzi pubbliċi żviluppati mill-isħab tal-PEFA (Responsabbiltà Finanzjarja ta' Nefqa Pubblika)**

| | |
|---|---|
| **A.** | **A. KWANTITA' MAĦDUMA TAL-ĠESTJONI TA' FINANZI PUBBLIĊI** |
| 1. | Żbilanċ fiskali aggregat kkumparat mal-baġit oriġinali approvat. |
| 2. | Kompożizzjoni tal-kwantità maħduma tan-nefqa tal-baġit kkumparat mal-baġit oriġinali approvat. |
| 3. | Kwantità maħduma tad-dħul kkumparat mal-baġit oriġinali approvat. |
| 4. | Ħażna ta' arretrati ta' nefqa; akkumulazzjoni ta'arretrati ġodda matul is-sena li għaddiet. |
| **B.** | **KARATTERISTIĊI TA' KANĊELLAMENT TA' TRAVERS PRINĊIPALI : KOMPRENSIVITA' U TRASPARENZA** |
| 5. | Komprensività ta' żvista ta' riskju fiskali aggregat. |
| 6. | Ammont ta' kemm rapporti tal-baġit jinkludu n-nefqa sinifikanti kollha fuq attivitajiet ċentrali tal-gvern, inklużi dawk mogħtija mill-kontribwenti. |
| 7. | Adegwatezza ta' informazzjoni dwar stimi fiskali, baġit u kwantità maħduma provduti fid-dokumentazzjoni tal-baġit. |

(1) Valutazzjoni tar-Responsabbiltà Finanzjarja tal-Pajjiż.
(2) Reviżjoni ta' Nefqa Pubblika.
(3) Rapport dwar l-Osservanza ta' Standards u Kodiċi.
(4) Reviżjoni Analitika ta' Xogħol bl-Appalt tal-Pajjiż.
(5) Pajjiż Fqir Imdejjen Ħafna — Valutazzjoni u Pjan ta' Azzjoni.
(6) Valutazzjoni ta' Riskju Fiduċjarju.
(7) Stima ta' l-Andament ta' Nefqa Pubblika.
(8) Nefqa pubblika u Responsabbiltà finanzjarja. Imwaqqfa fl-2001, il-PEFA hija sħubija bejn il-Bank Dinji, il-Kummissjoni Ewropea, id-Dipartiment tar-Renju Unit għall-Iżvilupp Internazzjonali (DFID), is-Segretarjat ta' l-Istat Żvizzeru għall-Affarijiet Ekonomiċi, il-Ministeru Franċiż għall-Affarijiet Barranin, il-Ministeru Norveġiż għall-Affarijiet Barranin u l-Fond Monetarju Internazzjonali. Il-Kummissjoni hija membru fundatur u waħda mill-partijiet prinċipali.

| | |
|---|---|
| 8. | Klassifikazzjoni ta' amministrazzjoni, ekonomija, funzjonalità u programmazzjoni tal-baġit. |
| 9. | Identifikazzjoni ta' nefqa relatata ma' povertà, fil-baġit. |
| 10. | Publikazzjoni u aċċess tal-pubbliku għal informazzjoni fiskali prinċipali, informazzjoni ta' xogħol bl-appalt u rapporti ta' verifika. |
| **Ċ.** | **ĊIKLU TAL-BAĠIT** |
| *Ċ i)* | *Pjanar fuq tul medju u formulazzjoni tal*-baġit |
| 11. | Estensjoni ta' perspettiva fuq numru ta' snin fi pjanar fiskali, tagħmir ta' politika ta' nefqa u baġit*ing*. |
| 12. | Regolarità u parteċipazzjoni fil-proċess ta' formulazzjoni tal-baġit. |
| 13. | Kordinazzjoni ta' nefqa rikorrenti u ta' investiment mill-baġit. |
| 14. | Eżaminazzjoni leġislattiva tal-liġi annwali tal-baġit. |
| *C ii)* | *Esekuzzjoni tal*-baġit |
| 15. | Effettività ta' pjanar ta' ċirkolazzjoni ta' flus likwidi, ġestjoni u monitoraġġ. |
| 16. | Proċeduri fis-seħħ għall-ġestjoni u reġistrar ta' dejn u garanziji. |
| 17. | Estensjoni għal liema ministeri u aġenziji ta' nefqa huma kapaċi jippjanaw u jiddedikaw nefqa skond baġit*s* oriġinali/riveduti. |
| 18. | Evidenza disponibbli li riżorsi mill-baġit jaslu għand unitajiet ta' nefqa f'mod trasparenti u f'ħin adegwat. |
| 19. | Effettività ta' kontrolli interni. |
| 20. | Effettività ta' verifika interna. |
| 21. | Effettività ta' kontrolli tas-salarju. |
| 22. | L-eżistenza ta' sistema ta' xogħol bl-appalt trasparenti bħala parti integrali tas-sistema tal-PFM ġenerali li hija mogħtija sostenn minn qafas regolatorju ċar li jipprovdi għal kompetizzjoni, valur għall-flus u kontrolli effettivi. |
| *C iii)* | *Kontabilità u rappurtar* |
| 23. | Puntwalità u regolarità ta' rikonċiljazzjoni ta' informazzjoni. |
| 24. | Puntwalità, kwalità u disseminazzjoni ta' rapporti dwar eżekuzzjoni tal-baġit fl-istess sena. |
| 25. | Puntwalità u kwalità tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji verifikati mgħoddija lill-leġislatura. |
| *C iv)* | *Responsabbiltà esterna, verifika u eżaminazzjoni* |
| 26. | L-iskop u n-natura ta' verifika esterna. |
| 27. | Segwitu ta' rapporti ta' verifika mill-eżekuttiv jew entità ta' verifika. |
| 28. | Eżaminazzjoni leġislattiva ta' rapporti ta' verifika esterna. |

*Sors:* PEFA. Abbozz Konsultattiv Rivedut tal-Qafas tal-Valutazzjoni ta' Eżekuzzjoni tal-Ġestjoni ta' Finanzi Pubbliċi, 12 ta' Frar 2004, Grupp ta' Xogħol dwar Nefqa Pubblika

4. Hemm żewġ limiti għal dan l-approċċ, it-tnejn magħrufa u aċċettati mid-donaturi. L-ewwel nett, dan ma jwassalx għal rakkomandazzjonijiet, li probabbilment ikollhom bżonn investigazzjoni fid-dettall fil-kawżi tal-problemi identifikati. It-tieni nett, hija ma tindirizzax il-kwistjoni ta' l-effettività u l-effiċjenza ta' finanzi pubbliċi.

